# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Ġunju/Lulju 2000 - Nru. 820



## IT-TURIŻMU F' GĦAWDEX...

***Prospetti u Diffikultajiet***

L-għażla sħiħa ta' servizzi

bankarju u finanzjarji

fil-qalba tar-Rabat,

Għawdex.




**Lombard Bank Malta p.l.c.**
**Triq Ninu Cremona,**
**Rabat, Għawdex.**
**Tel: 558717-8-9**
**Fax: 558713**

LOMBARD BANK

**Balzan • Qormi • Sliema • San Ġiljan**
**Valletta • Rabat, Għawdex**

## f' din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 mit sena ilu – Il-Legati taż-żwieġ • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - It-Turiżmu f'Għawdex • 12
Wirja ta' Arti Sagra • 16
Il-Pellegrinaġġ Djoċesan għal Ruma • 18
Jitfakkar l-10 Anniversarju miż-żjara tal-Papa • 20
Ordinazzjoni • 22
60 sena Saċerdozju • 23
L-Ewkaristija • 24
Dun Ġorġ u l-Papa • 26
Ġesti ta' karità • 27
Il-jeddijiet tal-bniedem • 28
Il-barrieri f'Għawdex • 30
Wirt gżiritna : Ir-Rumani • 32
L-użu tal-Mediċinali fl-Isports • 36
Għawdex Sportiv • 40
Mid-Dinja Teknoloġika • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

Imwaqqfa Ġunju 1945
Ħarġa nru. 820
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 560496/7 Fax. 561860
e-mail: lumenchristi@gozodirect.com
homepage: http://www.gozodirect.com/lumenchristi

Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata: *Lumen Christi Media Centre*
Stampata: *"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex*

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Ġunju 2000.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
*Bruna Polimeni (Plurigraf -Terni)*
*Martin Scerri u Frieda Vanoverbeke (Click Ltd. - Malta)*


# EDITORJAL



## L-Ekonomija ġdida

*Sejħulha "New Economy" jew Ekonomija ġdida t-teknoloġija ta' l-Informatika tant kibret u ddominat l-ekonomija moderna . Fid-dinja tal-lum kollox sar jiddependi mill-qawwa ta' l-informazzjoni u fl-istess ħin is-sistemi kumplessi tagħha ħolqu ġid ġdid għall-popli.*

*Xi wħud kienu jibżgħu li minħabba l-iżvilupp tekonoloġiku ser ikun hawn kriżi fl-impiegi billi t-teknoloġija tieħu post il-bniedem. Fejn qabel kienu jaħdmu numru ta' ħaddiema, illum inqas ħaddiema jipproduċu xogħol iktar u aħjar. Il-Q.T. il-Papa Piju XII kien tkellem dwar il-biża' li minħabba l-iżvilupp teknoloġiku jonqsu l-impiegi, jikber il-qgħad u jinqalgħu problemi kbar. Iżda, kif qal hu stess, ħadd u xejn ma jista' jieħu post il-bniedem. U hekk ġara li t-teknoloġija ta' l-informatika ħolqot impiegi ġodda u futur sabiħ għal dawk li jimxu maż-żminijiet. Parti sostanzjali ta' l-ekonomija nazzjonali hija msejsa fuq l-informatika. Il-qasam tal-komunikazzjoni biss ħoloq servizzi ndispensabbli għall-kummerċ għax jaqdik b'ħeffa u faċilità kbira. Il-kompjuter bil-faċilitajiet li joffri jgħin biex jikber u jitħaffef in-negozju u għalhekk jistgħu jitnaqqsu xi ftit l-ispejjeż tas-sistemi ta' qabel.*

*Barra minn hekk ġara li l-informatika saret tiddomina kull negozju l-iktar fir-reklamar tal-prodotti. Saret l-għajta tal-bejgħ li kif kienu jgħidu hija 'nofs il-bejgħ'. Għalhekk wieħed irid joqgħod attent li ma jiġix imqarraq mir-reklamar u propoganda fin-negozju. Mill-banda l-oħra s-soċjetà tal-lum titlob iktar onestà fil-produzzjoni ta' servizzi u prodotti tal-konsum. Jalla pajjiżna jirnexxilu jikseb l-aħjar minn dan il-ġid ġdid ta' żmienna.*




## ŻJARA TA' KORTESIJA

Nhar it-2 ta' Mejju, ic-Chairman flimkien mal-Bord tal-MaltaCom għamlu żjara ta' kortesija lil Mons. Isqof fil-Kurja. Tkellmu dwar is-servizzi li l-kumpanija qegħda tagħti hawn Għawdex u dwar proġetti li l-kumpanija qegħda taħdem fuqhom.

## LAQGĦA MAL-ĦADDIEMA

Nhar l-4 ta' Mejju 2000 ġiet organizzata laqgħa fl-uffiċċju tal-Union Ħaddiema Magħqudin li għaliha kien mistieden Mons. Isqof fejn iltaqa' mad-diriġenti u mal-ħaddiema. Wassal il-messaġġ tiegħu lil dawk preżenti fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħaddiem li jiġi ċċelebrat kull sena nhar l-1 ta' Mejju. Kienet preżenti wkoll l-Onor. Giovanna Debono.

## *QUIZ* DWAR L-EWKARISTIJA

L-Azzjoni Kattolika Għawdxija, bħal kull sena, organizzat *quiz* għat-tfal u l-istudenti kollha li jattendu l-laqgħat fi ħdan l-istess għaqda. Dan inżamm fis-Sala tad-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika fil-Victoria nhar il-Ħamis 4 ta' Mejju. It-tema magħżula għal din is-sena kienet "L-Ewkaristija" fl-okkażjoni tas-sena tal-Ġublew. Fi tmiem is-serata Mons. Isqof qassam ir-rigali lil dawk kollha li ħadu sehem.

## KUNGRESS TAX-XIRKA TAL-ISEM IMQADDES T'ALLA FIL-MUNXAR

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Mejju fil-Parroċċa tal-Munxar inżamm is-37 Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla. Is-suġġett li ġie magħżul għal dan il-Kungress kien meħud mill-Vanġelu ta' San Mark: "Jien Magħkom Dejjem". Il-korteo telaq minn ħdejn il-kunvent tas-sorijiet tal-Karità u mexa lejn il-misraħ quddiem il-knisja parrokkjali. Saru diskorsi tal-



okkażjoni mill-Kappillan tal-Parroċċa Dun Frankie Bajada, miċ-Chaplain Djoċesan Mons. Salv Borg, minn Patri Angeliku Vella O.P. u minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi. Saret mima wkoll marbuta mas-suġġett magħżul li kienet taħt id-direzzjoni tas-Sur Alfred Grech. Fi tmiem il-Kungress, il-President Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t' Alla, is-Sur Joe Refalo, ħabbar li l-Kungress tas-sena d-dieħla ser isir fil-parroċċa tal-Għasri.

## 100 SENA MILL-FTUĦ TAL-KNISJA TA' POMPEI

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju, Mons. Isqof mexxa funzjoni Marjana fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fil-Victoria. F' nofsinhar saret is-supplika u wara Mons. Isqof ta l-Barka Ewkaristika. Filgħaxija fl-istess Santwarju saret konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Isqof flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral. Dawn il-festi speċjali ġew organizzati fl-okkażjoni tal-100 sena mill-ftuħ ta' dan is-santwarju Marjan fid-Djoċesi t'Għawdex.

## AKKADEMJA MUŻIKO-LETTERARJA F'ĠIEĦ SANTA RITA

Fl-okkażjoni tal-festi speċjali li l-Provinċja Agostinjana Maltija għamlet biex tfakkar l-ewwel ċentinarju minn meta Santa Rita ġiet dikjarata qaddisa, nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju ġiet organizzata Akkademja Mużiko Letterarja fil-Knisja ta' Sant'Wistin fil-Victoria. L-orkestra flimkien mal-kor kienet taħt it-tmexxija tal-Maestro di Cappella Carmel Grech. Fil-parti mużikali ġew esegwiti diversi xogħlijiet ta' Surmastrijiet Maltin waqt li fil-parti letterarja nqraw poeżiji u diskorsi mis-Sur Giannінu Cremona, minn Patri Serafin Borg O.S.A., mill-Pirjol Patri Tony Buhagiar O.S.A. u minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi.

## TIFKIRA TAD-DEHRIET TAL-MADONNA TA' FATIMA

Nhar is-Sibt 13 ta' Mejju bdew fil-knisja ta' Ħamet id-devozzjonijiet tad-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima. Dawn ħabtu wkoll mal-Beatifikazzjoni tal-Venerabbli Franġisku u Ġjaċinta Marto mill-Papa nnifsu ġewwa Fatima. Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni solenni u wara sar pellegrinaġġ aux flambeaux mat-toroq ta' ħdejn l-istess knisja. Wara kompla lejl adorazzjoni organizzat mill-Moviment Ewkaristiku Għawdxi.

## JUM IL-VOKAZZJONIJIET

Bħal kull sena ngħaqadna mad-dinja kattolika universali biex fuq stedina tal-Papa nitolbu għal aktar vokazzjonijiet. Nhar il-Ħadd 14 ta' Mejju Mons. Isqof mexxa quddiesa fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu għat-tfal u l-istudenti kollha li jattendu fil-Gruppi tal-Vokazzjonijiet. Filgħaxija fiċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla nżammet laqgħa ta' talb għaż-żgħażagħ Għawdxin kollha bl-istess intenzjoni ta' talb għal aktar vokazzjonijiet.

## PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN F'ĠIEĦ SANTA RITA

Nhar il-Ħamis, 18 ta' Mejju fi Pjazza Sant'Wistin saret konċelebrazzjoni solenni minn Mons. Isqof bħala parti mill-festi li jfakkru l-100 sena minn meta Santa Rita ġiet dikjarata qaddisa. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof tkellem dwar l-erba' stati ta' ħajja li għexet Santa Rita bħala xebba, bħala mara miżżewġa, bħala armla, u bħala soru. Hekk din il-qaddisa hija mudell għall-insara kollha f'kull stat ta' ħajja. Wara sar pellegrinaġġ ta' talb mat-toroq tar-Rabat li matulu nġarret ix-xbieha ta' Santa Rita meqjuma fl-istess kunvent tal-Patrijiet Agostinjani.

## IR-REDENTUR TA' L-ISLA FOSTNA

L-istatwa mirakoluża tar-Redentur ta' l-Isla kienet fostna fid-29 u fit-30 ta' Mejju. Matul il-jumejn li din l-istatwa damet fil-parroċċa tal-Qala kienu diversi l-attivitajiet li nżammu fosthom pellegrinaġġ b'din ix-xbieha devota mill-Port ta' l-Imġarr sas-santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala, Via Sagra mmexxija mill-Isqfijiet ta' dawn il-gżejjer, velja ta' talb matul il-lejl kollu, mixja ta' fidi għat-tfal ta' l-iskejjel primarji kollha Għawdxin, ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla għall-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji, ċelebrazzjoni għall-morda u persuni b'diżabilita' u preżentazzjoni tat-trabi. L-avveniment storiku u uniku ntemm bis-sagrifiċċju tal-quddiesa fil-misraħ tal-Qala mmexxi mill-Isqof ta' Għawdex u 'l fuq minn sebgħin saċerdot.



*Il-wasla ta' l-Istatwa tar-Redentur fil-port ta' l-Imġarr*



*L-Isqfijiet imexxu pellegrinaġġ nazzjonali fil-Qala*



*It-tfal Għawdxin isellmu lir-Redentur ta' l-Isla*




**Wirja ta' Arti Sagra**

Il-Ħamis 13 ta' April, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono inawgurat wirja ta' pittura sagra fil-Banca Giuratale Victoria. Din il-wirja ġiet imtella' mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, artist minn Victoria li tul il-karriera tiegħu żejjen diversi knejjes taż-żewġ gżejjer bl-arti sagra tiegħu. Il-wirja baqgħet miftuħa sat-Tlieta 25 ta' April. Il-Prim Ministru Dr. Fenech Adami u s-Sinjura tiegħu żaru l-wirja t-Tnejn 24 ta' April. Din kienet l-ewwel darba li wirja ta' dan it-tip kienet imtella' fil-bini tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

**Kunċert ta' Mużika Sagra**



Il-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Kunsill ta' l- Għaqda Maltija ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ organizzaw dan il-kunċert fil-knisja ta' Santu Wistin ir-Rabat Għawdex is-Sibt 15 ta' April. Ħadu sehem diversi kantanti rinomati mal-pubbliku Malti u Għawdxi.

**Proġett ta' Niċċa**

Dan l-aħħar fin-Nadur inbniet niċċa ddedikata lill-Ħniena Infinita t'Alla. Din tinsab kantuniera fi Triq Grunju mibnija fuq propjetà ta' Ġużeppa Camilleri u li ħa ħsiebha binha Dun Dumink Camilleri. Huwa ttamat li l-Kunsill Lokali tan-Nadur jieħu ħsieb biex waħda miż-żewġ toroq tiġi mogħtija l-isem "Triq il-Ħniena Divina.

Din id-devozzjoni lejn il-Ħniena Divina ġiet imxerrda minn Suor Marija Fawstina Kowalska li f'din is-sena tal-Ġublew, nhar it-30 t'April, il-Papa Ġwanni Pawlu II ddikjaraha qaddisa.

**Esebizzjoni barra minn Malta**

Godwin Cutajar tella' wirja tal-pittura tiegħu l-Italja fil-Gallerija Giulio II f'Ruma. Il-wirja kienet intitolata "Verso La Luce" u t-tema kienet astratta. Godwin esebixxa dsatax-il kwadru u nżammet bejn id-29 ta' April u l-5 ta' Mejju. Il-koordinatur ta' din il-wirja Dr. Andrea Romoli ddeskriva l-kwadri bħala "mezz effettiv bħala tiftixa għall-kuntatt ma' l-assolut".

**Festa Ġużeppina**

Bħala parti mill-festa liturġika ta' San Ġużepp, il-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem organizzat din il-festa s-Sibt 6 ta' Mejju. Matul is-serata, li nżammet fil-knisja arċipretali ta' Għajnsielem, ħadu sehem diversi baned, kollha relatati b'xi mod ma' dan il-qaddis. Il-baned parteċipanti kienu 'De Rohan' ta' Ħaż-Żebbuġ, "Ite ad Joseph" tal-Qala, "L'Isle Adam" tar-Rabat Malta, "San Ġużepp" ta' Ħal Għaxaq, "Melita" ta' l-Imsida, "San Ġużepp" tal-Kalkara, "San Ġużepp" ta' Ħal Kirkop flimkien mal-banda tar-raħal. Matul is-serata ndaqqu l-innijiet lil San Ġużepp ta' kull banda kif ukoll l-Innu tal-Ġublew il-Kbir. L-attivita', ippreseduta mill-ET Mons. N. Cauchi Isqof ta' Għawdex u mill-Ministru għal Għawdex kienet imżewqa minn siltiet letterarji.

**Laqgħa Annwali**

Is-Sibt 6 ta' Mejju f'lukanda ewlenija f'Għawdex saret id-19-il laqgħa annwali Ġenerali tal-Gozo Channel. Ic-chairman tal-Kumpanija s-Sur John E. Sullivan ħabbar

profitt sostanzjali ta' LM571,000 għas-sena li ntemmet fit-30 ta' Settembru, 1999. Huwa qal li għalkemm dan ifisser tnaqqis mis-sena ta' qabel, il-kumpanija qatt ma naqset li tagħti servizz kwalitattiv u effiċjenti lill-klijenti tagħha. Is-Sur Sullivan qal ukoll li tul is-sena li għaddiet, il-Gozo Channel bdiet programm intensiv ta' ristrutturazzjoni biex is-servizz ikompli jitjieb. Qal ukoll li n-numru ta' vjaġġi żdiedu sew kif ukoll l-għadd ta' passiġġieri u n-numru tal-vetturi. Iċ-Chairman tkellem ukoll dwar bosta inizjattivi li qed tieħu l-Gozo Channel bħal preparamenti biex il-Catamaran jibda jopera mill-Istrand f'Tas-Sliema u t-tkabbir li ser isir fit-terminals taċ-Ċirkewwa u ta' l-Imġarr.

**Maratona**




Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono tidher tippreżenta trofew liċ-ċkejkna Maltija Denise Law li ġiet l-ewwel post fit-tellieqa ta' żewġ kilometri għal dawk ta' taħt id-disa' snin. Din it-tellieqa kienet parti mill-ħamsa u għoxrin edizzjoni tal-Maratona ta' Għawdex li ġiet organizzata mill-Gozo Amateur Athletic Association nhar il-Ħadd 30 ta' April. Il-maratona din is-sena ntrebħet minn Charles Cilia ta' St. Partick's f'ħin ta' siegħa u tlettax-il minuta. B'kollox ħadu sehem tliet mija u għaxar atleti. Il-maratona kienet maqsuma f'erba' ġirjiet.

**Sindirella**



L-Iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof ippreżentat dan il-musical fil-11, 12 u 13 ta' Mejju fl-Oratorju Don Bosco u fl-20 ta' Mejju fiċ-Ċentru Parrokkjali tax-Xewkija. L-ewwel żewġ rappreżentazzjonijiet kienu għat-tfal ta' l-iskejjel primarji, filwaqt li l-oħrajn għall-pubbliku nġenerali. It-tfal kollha li jattendu din l-iskola, 187 tifel u tifla, ħadu sehem u magħhom wkoll xi ġenituri u għalliema.

**Oliver**

L-Iskola Primarja Arturo Mercieca tellgħet dan il-musical magħruf fl-Oratorju Don Bosco fl-aħħar ta' Mejju għat-tfal ta' l-iskejjel kif ukoll għall-pubbliku. F'dan il-musical ħadu sehem it-tfal kollha li jattendu din l-iskola primarja flimkien ma' l-għalliema u xi wħud mill-ġenituri.

**Ċentru għall-Għaqdiet Volontarji**

Is-Sibt 13 ta' Mejju ġie inawgurat Ċentru għall-Għaqdiet Volontarji fix-Xewkija mill-Prim Ministru. Dan iċ-ċentru hu miftuħ għall-għaqdiet mhux governattivi u gruppi volontarji Għawdxin li se jkunu jistgħu jibdew iwettqu ħidmiethom minn ħdan iċ-ċentru. Il-Ministru għal Għawdex ħabbret li l-Ministeru għandu jaħtar Kunsill tal-Volontarjat għal Għawdex biex jikkordina inizjattivi ta' taħriġ u riżorsi għall-għaqdiet Għawdxin.

**Żjara**

Il-Ġimgħa 19 ta' Mejju, l-Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali l-Onor. Austin Gatt kif ukoll il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono żaru l-Qorti ta' Għawdex fejn ġew milqugħa u murija l-post mis-Sinjura Jane Refalo, assistant reġistrar tal-Qrati tal-Ġustizzja. Iż-żewġ ministri ltaqgħu ma' kull min jaħdem fil-lokal, maġistrati kif ukoll avukati. Diversi suġġetti relatati mal-proċeduri tal-Qorti ġew diskussi, b'referenza għall-operat tal-Qorti ta' Għawdex.

**Mafkar fuq il-baħar**

Il-Ħadd 21 ta' Mejju l-Kardinal Giovanni Cheli, li kien Għawdex fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju mill-miġja tal-Papa f'Għawdex, kixef u bierek xbieha tal-Madonna ta' Pinu magħmula mill-bronż abbord il-vapur tal-Gozo Channel li jġib l-istess isem Ta' Pinu. Iċ-ċerimonja bdiet b'indirizz qasir ta' l-okkażjoni minn wieħed mid-diretturi tal-Kumpanija Gozo Channel, is-Sur Charles Spiteri. Marvic Fenech Adami, General Manager ta' l-istess kumpanija, għan-nom tal-Bord tad-Diretturi u tal-Kumpanija ppreżenta mudell ta' dgħajsa Maltija lill-Eminenza tiegħu.



**Inawgurazzjoni ta' Uffiċċju Ġdid**

Fil-25 ta' Mejju, il-Ministru għal Għawdex flimkien mac-Chairman tal-Bank of Valletta inawguraw uffiċjalment l-uffiċċju ta' Għawdex, f'Malta, fi Triq Nofsinhar fil-Belt Valletta. Il-Ministru qalet li dan l-uffiċċju ser ikun ta' benefiċċju għal dawk l-Għawdxin kollha li jinsabu Malta minħabba xogħol, studju, negozju, kura medika jew għanijiet oħra. Il-Ministru saħqet fuq il-bżonn li Għawdex jiġi rreklamat bħala destinazzjoni turistika tul is-sena kollha. Hija rringrazzjat lis-Sur Joseph F.X. Zahra c-chairman tal-Bank of Valletta ta' l-inizjattiva li joffri post għal dan il-proġett. Is-Sur Zahra fl-indirizz tiegħu qal li r-rwol tal-Bank dejjem kien li jgħin b'kull mod lill-ekonomija lokali, anke dik Għawdxija.

**Wirja dwar l-Unjoni Ewropeja**

Is-Sibt 27 ta' Mejju l-Ministru għal Għawdex inawgurat *Europe 2000 Exhibition* fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat Għawdex fil-preżenza ta' l-ambaxxatur ta' l-Unjoni Ewropeja għal Malta, Dr. Gorgio Boggio. Matul is-sena skolastika li dalwaqt tintemm, l-istudenti kollha Għawdxin ingħataw informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropeja. Intalbu wkoll biex jieħdu sehem f'żewġ kompetizzjonijiet ta' poster dwar l-Unjoni. Ħadu sehem sbatax-il skola statali u tal-Knisja. Il-Ministru Debono qalet li l-esebizzjoni tat spazju lill-istudenti biex juru x'jafu dwar l-Ewropa u l-prinċipji li ħarġu mid-dikjarazzjoni ta' Schuman u li matul l-aħħar ħamsin sena ġabu paċi, għaqda, solidarjeta' u prosperita' fost il-popli Ewropej.

**Inawgurazzjoni ta' żewġ pjazez**

Il-Ħadd 28 ta' Mejju kien Jum il-Qala. Il-Kunsill Lokali ta' din il-lokalita' ħejja programm ta' attivitajiet biex jitfakkar dan il-jum. Fost l-oħrajn, il-Ġimgħa 26 ta' Mejju sar ftehim ta' l-amministrazzjoni tal-Librerija Pubblika. Il-Ħadd imbagħad sar marċ mill-banda "Ite ad Joseph" u programm ta' l-okkażjoni u inawgurazzjoni ta' Pjazza l-Isqof Mikiel Buttigieg u Pjazza San Ġużepp.

**Mini Musical**

Il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju, fil-Kumpless Sportiv tar-Rabat Għawdex, inżammet l-edizzjoni ta' din is-sena ta' dan l-avveniment mużikali. Kull skola primarja f'Għawdex kemm statali kif ukoll tal-knisja tellgħet item partikukari. It-tfal ta' l-iskejjel primarji attendew għal din l-attivita'.



Oleander

Bar & Restaurant

Geniune Home made Food

10, Victory Square, Xagħra

Tel. 557230

Xerri l-Bukkett



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iz-Zewwieqa Qala

Tel. 560331

Il-"Colour Separations" ta' din ir-rivista ġew preparati minn:

Scanning | Colour Separations
Image Manipulation | Artwork
Production | Magazines | Design

Scerri Reprographic Studio
Victoria | Gozo

A Division of Scerri Photo Studio

52, Palm Street,
Victoria,
Gozo - VCT 103,
Malta.
Tel/Fax: (+356) 561488
(+356) 553654

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 86

Riċerka ta' Joseph Bezzina
©2000

# IL-LEGAT TAŻ-ŻWIEĠ

Is-sitta u tmenin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar legat taż-żwieġ li l-għotja tiegħu kienet f'idejn l-Universitas. Ir-reġistrazzjoni tal-għotja saret nhar it-13 ta' Ġunju, 1700 — tliet mit sena ilu. Tinsab reġistrata fit-tmien volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1699–1700), folju 29v (NAG, UG, Acta, 8/1699-1700, f. 29v).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Michele Hagius, tesoriero di quest'Università del Gozo pagarete dall'effetti destinati per il maritaggio di povera zitella; in cusori potere pervenuti a Veronica figlia d'Agostino di Cace maritata con Giuseppe Zammit scudi venti quattro e tarì undici di moneta, che ballottata gli tocco in sorte li 8 Settembre 1687, di che tirando usara cautela porrete si usari conti li 13 giugno 1700.**

Jgħid il-Malti, li: Bla flus la tgħannaq u lanqas tbus; jiġifieri mingħajr dota la tista' titgħarras u lanqas tiżżewweġ. Mingħajr flus, kif jgħid ukoll il-Malti, tibqa' fuq l-ixkaffa. Konxji minn dan il-Knisja u l-Gvern, sa minn żminijiet imbiegħda, ħolqu fondi ta' flus biex mill-imgħax tagħhom ikunu jistgħu jgħinu lil dawk li dawk ix-xebbiet foqra li jridu jiżżewġu, iżda li ma jkollhomx flus. Dawn il-fondi huma magħrufa bħala legati taż-żwieġ. Permezz ta' dawn il-legati, il-Knisja jew il-Gvern kienu jipprovdu l-flus, jew, iktar preċiżament, id-dota lil dawn ix-xebbiet foqra b'idhom f'idhom biex ikunu jistgħu jiżżewġu u jieħdu xi ħaġa magħhom fid-dar tar-raġel futur.

L-għoti ta' dawn il-legati kienet issir b'diversi modi. Xi drabi, li min japplika, kien jintalab l-arblu tar-razza biex il-legat jingħata lil xi qariba tal-fundatur jew fundatriċi tal-legat; drabi oħra, bħal fil-każ imsemmi fuq, kien jingħata bit-tlugħ tax-xorti. Min kien iwaqqaf il-legat ġie li kien anki jiddetermina d-data meta kellu jingħata.

Din l-aħħar kundizzjoni aktarx li kienet magħmula fil-legat imsemmi f'dan id-dokument li kien jittella' bix-xorti nhar it-8 ta' Settembru, festa tan-Natività tal-Madonna jew tal-Vitorja. Il-legat kellu jingħata lil xebba fqira

Fit-8 ta' Settembru, 1687, kienet telgħet f'dan il-legat Veronica, bint Agostino di Cace. Għal xi raġuni jew oħra il-flus ta' dan il-legat ma kinux mgħoddija lilha immedjatament. Min jaf kinitx ħassret iż-żwieġ dik il-ħabta? Żmien wara kienet miżżewġa lil Ġużeppi Zammit.

Tlettax-il sena wara li kienet telgħet fil-legat, fit-13 ta' Ġunju, 1700, Michele Hagius, it-teżorier ta' l-Universitas ingħata l-ordni biex bħala *cursori*, jiġifieri uffiċjal maħtur apposta mill-Universitas jesegwixxi din l-ordni, juża l-kawtela tas-soltu, u jieħu l-flus minn fejn soltu. It-Teżorier, kif kien ordnat, għadda l-flus ta' dan il-legat li kienu jammontaw għas-somma sabiħa 24 skut u 11 irbiegħi.






## L-INFRASTUTTURA TAT-TOROQ

L-iżvilupp u l-progress ta' pajjiż huma magħmula minn kumpless ta' strutturi u mezzi li jsostnu lil xulxin biex il-bniedem iġib 'il quddiem il-ġid ta' pajjiżu. Fost l-infrastutturi meħtieġa hemm is-sistema tat-toroq, strument neċessarju li jgħin fil-komunikazzjoni u fit-trasport tal-materjal. F'dawn l-aħħar snin assistejna u għadna nassistu, per eżempju, għal titjib fis-sistema ta' komunikazzjoni bejn iż-żewġ gżejjer. Każ tipiku hu n-numru dejjem jikber ta' turiżmu ntern bejn Malta u Għawdex. Wieħed jinnota, però, li kull darba li jkun hawn *weekend* bi preżenza qawwija ta' Maltin, tinħoloq problema ta' vijabilità fit-toroq, speċjalment fir-Rabat. Tant jikber il-volum tat-traffiku li t-toroq tagħna, jew aħjar it-triq prinċipali u kważi unika li tgħaqqad il-gżira Għawdxija minn tarf għall-ieħor, ma jlaħħqux mad-domanda tas-suq. Isir kważi mpossibbli titħarrek bil-karozza ġewwa r-Rabat.

Dan joħloq problemi oħra, fosthom in-nuqqas ta' spazju għall-ipparkjar. Inżidu l-inġenji kbar li jintużaw fl-industrija tal-kostruzzjoni, li ħafna drabi jagħlqu toroq sħaħ għat-traffiku u jżidu l-problemi tal-vijabilità. Xi drabi, biex tasal f'post ftit biss 'il bogħod, ikollok iddur dawra tax-xjaten.

Il-Gvern jista' jagħmel xi ħaġa? Malta nbnew diversi *by-passes* biex jiffaċilitaw il-vijabilità tat-traffiku. Għawdex ma tistax issir xi ħaġa simili? It-triq tax-Xatt, li tgħaddi mill-qalba tar-Rabat u tgħaqqad mal-punent tal-gżira, weħidha hi biżżejjed biex jitkattar il-ġid u jikber il-kummerċ f'Għawdex? Bilfors li t-trasport kollu, inkluż l-użu ta' makkinarji kbar, irid jgħaddu kollu minn Triq ir-Repubblika?

## DALWAQT NIXXAWTU!

It-tkattir tal-ġid ta' pajjiż in parti jitkejjel miż-żieda li l-poplu jagħmel minn oġġetti ta' konsum. Jekk inħarsu ftit madwarna nindunaw li n-numru ta' karozzi fit-toroq żdied ħafna. Illum kulħadd irid karozza tiegħu. F'ħafna familji nsibu tnejn jew tliet karozzi. Diversi żgħażagħ tarahom jakkwistaw karozza, ħafna drabi lussuża, hekk kif jagħlqu t-tmintax. Ma' dan żdied il-bżonn ta' spazju fejn il-karozzi jiġu pparkjati matul il-jum.

Il-problema tan-nuqqas ta' spazju ta' ipparkjar tinħass l-aktar fir-Rabat. Ma tarax triq ħielsa mill-preżenza, spiss ingombranti, tal-karozzi. Minkejja s-sinjali tan-*no parking*, sirna nipparkjaw kullimkien. Xi drabi anki f'postijiet li joħolqu riskji serji ta' xi inċident. Ġieli tara trakkijiet mgħobbija planki tal-konkos mitfugħa f'kantuniera, jew jostakolawlek il-kumdità tat-traffiku. Kemm drabi kien hemm ipparkjar ta' din l-kwalita' fil-kantuniera ta' ħdejn is-Seminarju? Min ser ikellimhom? Hemm bżonn li tinbidel is-sitwazzjoni. Hemm bżonn ta' *parkings* moderni. Xi ħadd irid jidħol għal dan il-proġett. Hemm bżonn li t-toroq ma nużawhomx biss għall-*parking*. Immaġinaw xi sbuħija tkun pjazza San Franġisk kieku ma tkunx mgħarrqa bil-karozzi!

Barra minn hekk, hemm bżonn bidla fil-mentalità tagħna l-Għawdxin. Meta ninżlu sal-Belt Valletta ħadd minna ma jinkwieta għax jipparkja l-Furjana u jmur sal-Belt bil-mixi. Imma f'Għawdex le. Nibżgħu li nixxawtu jekk ma nipparkjawx taħt l-uffiċċju, jew ma nibqgħux deħlin bil-karozza b'kollox fis-*supermarket* biex ninqdew qisna qegħdin f'xi *drive-in*. Għawdex żgħir, u rridu nisfruttawh b'ħafna aktar għaqal.

## "EDUKAZZJONI SESSWALI" VIRTWALI!

Ma tantx jien devot tax-"shopping complexes" li għandna fir-Rabat, imma dan l-aħħar sirt naf b'żewġ "servizzi" ġodda offruti f'wieħed minnhom. Min irid, għandu l-possibiltà li jixtri *cards* biex jagħmel użu mis-servizz ta' l-internet. Ħaġa tajba, għajr li min imur hemmhekk ma naħsibx li qed jinqeda bl-internet biex jagħmel xi riċerka għall-iskola. Smajna bi studenti tal-form 1 li qed jinqdew b'dan is-servizz biex jidħlu fuq *sites* pornografiċi.

It-tieni "servizz" offrut huma xi magni tal-logħob. Waħda mil-logħbiet hi li għal 10ċ għandek iċ-ċans tara serje ta' ritratti erotiċi bla inkwiet ta' xejn. Tafu min qed



imur jarahom dawn? L-istudenti ta' l-iskola!

Nifhmu li l-pulizija ntalbet tieħu l-passi meħtieġa.

Nafu li fil-Ministeru għal Għawdex twaqqaf Kumitat biex jikkoordina programm ta' edukazzjoni sesswali għall-istudenti tagħna. Nittama li dawn is-"servizzi" ġodda mhumiex parti mill-programm ġdid ta' kif nagħtu lil uliedna edukazzjoni sesswali aktar moderna!

## BARRIERI

Mhux 'il bogħod wisq mid-Dwejra qed jiġri fenomenu ieħor: l-art qed tittiekol ftit ftit! L-industrija tal-kostruzzjoni hi importanti ħafna għal pajjiżna, imma qed tikkonsma ħafna mill-ġebla maltija. Jekk nitilfu dik, x'jibqagħlu Għawdex? Ma jibqagħlu xejn; anzi, anqas Għawdex ma jibqa', għax Għawdex ma tantx fih mnejn tqatta'!

## DAK IL-POSTER MA JEĦELX HAWN!

Qaluli li marru jqassmu poster tal-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li sar dan l-aħħar fil-Munxar f'ħanut ġewwa r-Rabat, u l-poster ġie rifjutat. Nifhmuha, għandhom kull dritt jagħmlu hekk. Imma r-raġuni li ġabu hi verament interessanti: fil-poster, li kien iġib xena ta' Ġesu' Ewkaristija espost solennement fil-knisja tal-Munxar, kien hemm ukoll x-xbihat taż-żewġ qaddisin protetturi ta' Għawdex: San Ġorġ u Sant'Ursula. Il-poster ġie rifjutat għax is-sidien ma riedux li San Ġorġ jidher fil-ħanut tagħhom. Imma dan veru? Għad fadal din l-injoranza hekk kbira? Jiena ma rridx nemmen li ġrat ħaġa bħal din. Mela hemm xi qaddis li hu propjeta' tà xi ħadd? Jew persuna intelliġenti li tista' tirraġuna b'dan il-mod?

## ĠLIED BĦALL-ĦOBŻ

Hawn diversi nies li l-ħena tagħhom jiġġieldu ma' dan u ma' l-ieħor. Imma dawn kif jorqdu bil-lejl meta f'qalbhom ikun hemm tant rabja u forsi mibegħda wkoll?




Is-Sena Mqaddsa tal-Ġublew tgħid iġġibhom naqra f'tagħhom?

## INSEBBĦU LIL GĦAWDEX

Min jasal ix-Xatt bil-vapur, waħda mill-ewwel dehriet li jilmaħ hija l-għolja ta' Chambray miksija bis-siġar tal-prinjol. (Nittamaw li l-proġett li qed isir fil-forti m'għadx jgħarraq kollox!) Imbagħad, ħlief is-sbuħija tar-*roundabouts* u xi siġra 'l hemm u 'l hawn, ftit jilmaħ siġar, jekk mhux f'xi wied. Tgħid m'hemmx xi biċċa art pubblika li tista' tiġi sfruttata għal dan il-għan? Ma naħsibx li biex nuru rispett veru lejn l-ambjent ta' pajjiżna rridu bilfors inħallu kullimkien għeri mis-siġar. Naħseb li l-Kunsilli Lokali jistgħu joħolqu kuxjenza akbar dwar dan... sakemm ma ssibx xi vandali li jqaċċtu kull siġra li titħawwel bħalma kien ġara xi snin ilu fil-Munxar!

## AZZJONI F'WAQTHA TAL-PULIZIJA

Għal nofs Mejju l-Pulizija ħadet azzjoni kontra mekkanik li kien mela t-toroq b'għadd ta' karozzi



mingħajr liċenzja, uħud minnhom fi stat ta' abbandun. Barra l-ħmieġ u l-kruha li dawn il-karozzi kienu joħolqu, kienu saru nkonvenjent kbir għar-residenti tal-lokal. Prosit tassew għax nifhmu li mhux dejjem faċli lanqas għall-pulizija tieħu passi kontra min japprofitta ruħu mis-silenzju tas-soċjetà. Kien hemm bżonn li l-awtorità tkun aktar kuraġġuża u tieħu aktar passi f'dan ir-rigward għax f'Għawdex hawn diversi li jabbużaw minħabba li ħadd ma jkun irid jirfes il-kallu ta' ħadd.

## KEMM JISWA L-PRIVAT?

Waslu u għaddew l-eżamijiet tal-Matsec. Bħas-soltu, matul is-sena skolastika, għal xi raġuni jew oħra, ma lħaqniex għaddejna s-sillabu kollu. Ftehmna, u ġibna professur jagħtina ftit għajnuna ta' l-aħħar. F'ġurnata waħda għamilna erba' sigħat privat. Kulħadd ħallas Lm5. Konna tletin. Total: f'erba' sigħat xogħol, dan il-professur, li żgur mhux batut mill-paga, daħħal Lm150. Però jgħallem tajjeb!

Hawn studenti li jħallsu Lm40 fix-xahar għall-privat. Dawn barra l-miljuni kbar ta' flus li qed jonfoq il-Gvern biex iħallas l-għalliema fil-ħinijiet normali ta' l-iskola! Fejn qed tfalli s-sistema? Fl-għalliema, għax hemm min mhux jaqdi dmiru, jew għax tant hemm materjal x'jiġi studjat li l-ħin normali ta' l-iskola mhux biżżejjed?

Bħalissa qed iħallsu l-ġenituri, għax ikollhom joħorġu l-flus mill-but. Nittamaw li 'l quddiem ma jibdewx "iħallsu" wkoll uliedna ta' dan il-ġenn żejjed tagħna l-kbar.




# IT-TURIŻMU F' GĦAWDEX
## ... prospetti u diffikultajiet

***F'din l-aħħar sena f'Għawdex twaqqfet Assoċjazzjoni għat-Turiżmu biex tieħu ħsieb tkabbar din l-industrija prinċipali tal-gżira tagħna. F'din l-intervista Dun Eddie Zammit jitkellem mas-Sur Joe Muscat, Segretarju tal- "Gozo Tourism Association" dwar il-prospetti u d-diffikultajiet li qegħda tħabbat wiċċha magħhom din l-industrija.***

**Sur Muscat, għaliex inħasset il-ħtieġa li titwaqqaf din l-Assoċjazzjoni. Liema huma l-istabilimenti turistiċi li jagħmlu parti minn din l-organizazzjoni?**

Nistgħu ngħidu li t-turiżmu f'Għawdex jaf il-bidu tiegħu fuq tletin sena ilu, u matul dan iż-żmien is-settur privat kien dejjem il-mutur li mexxa din l-industrija li tant hija vitali għall-ħajja ekonomika Għawdxija. Iżda matul dawn is-snin kollha qatt ma kien hemm forma ta' għaqda bejn l-operaturi turistiċi Għawdxin. Veru li kien hemm tentattivi sabiex dawn l-operaturi jingħaqdu flimkien, iżda dawn dejjem fallew. Imma l-bżonn tal-għaqda xorta waħda baqa' jinħass iktar u iktar meta l-kompetizzjoni turistika madwar Għawdex bdiet tiżdied. Finalment fuq inizjattiva tal-Ministeru għal Għawdex fi Frar tal-1999 ġiet imwaqqfa l-*Gozo Tourism Association* bl-iskop ewlieni li barra li tgħaqqad l-operaturi turistiċi kollha Għawdxin, tippromwovi lil Għawdex bħala destinazzjoni distinta u s-sena kollha. Din l-Assoċjazzjoni mmexxija minn kunsill ta' erbatax il-membru tiġbor fiha l-Lukandi, Ristoranti, Akkomodazzjoni *self catering*, servizzi ta' Karozzi tal-Kiri, *Handling Agents*, *Diving Centres*, Aġenti tal-Propjeta' u attrazzjonijiet turistiċi.

**Waħda mill-ewwel affarijiet li għamiltu bħala organizazzjoni, kienet li tidentifikaw u tikkwantifikaw il-potenzjal tal-prodott turistiku Għawdxi. X'joffri Għawdex lit-turist f'dik li hija akkomodazzjoni, catering, lokalitajiet ta' mistrieħ u divertiment?**

Bħala Assoċjazzjoni mill-bidu nett emminna fil-potenzjal turistiku li għandu Għawdex, dejjem jekk nidentifikawh u nirrikklamawħ tajjeb. Iżda llum iktar min qatt qabel nafu kemm hu qawwi dan il-potenzjal, għaliex għandna opinjonijiet ta' nies esperti fil-qasam turistiku dwar il-prodott turistiku Għawdxi. F'Għawdex bħalissa għandna 3406 sodda li huma maqsuma bejn 1727 sodod fil-lukandi u 1679 f'akkomodazzjoni *self catering*, jiġifieri appartamenti, vilel u *farmhouses*. F' Għawdex għandna wkoll 98 ristorant, b'konċentrazzjoni fil-bajjiet ta' Marsalforn u x-Xlendi. Barra minn hekk f'Għawdex insibu 8 *diving centres*, u numru adegwat ta' postijiet ta' divertiment bħal diskoteki, u *pubs*. Nistgħu ngħidu li l-livell ġenerali tal-akkommodazzjoni kemm fil-lukandi kif ukoll fis-*self catering* huwa wieħed għoli u jista faċilment jinbiegħ lit-turist ta' kwalita'. Anke il-livell tar-ristoranti Għawdxin huwa wieħed tajjeb ħafna. Fis-settur tad-*diving* is-servizz li qed jagħtu d-*dive centres* Għawdxin qed isir dejjem iktar professjonali u dan qed jirrifletti fin-numru ta' *divers* li jiġu Għawdex li qed jiżdied ta' kull sena. In ġenerali Għawdex kapaċi jagħti servizz tal-ogħla livell fil-qasam turistiku.

**L-operaturi ta' dawn l-istabilimenti sodisfatti bid-dħul li qed ikollhom mill-investimenti li għamlu f'din l-industrija? Iżżommu xi ċifri ta' kemm turisti qed jagħmlu użu mill-lukandi, ristoranti, jew stabilimenti**



**simili?**

Ċerti operaturi żgur li ma humiex sodisfatti bir-ritorn fuq l-investiment kapitali li għamlu. Waħda mir-raġunijiet hija li t-turiżmu f' Għawdex għadu wisq staġjonali, għaldqastant in-numri tat-turisti qed ikun għoli ħafna matul it-tlett xhur tas-sajf u jaqa f'livelli baxxi ħafna matul ix-xhur twal tax-xitwa. Il-konsegwenza hija li l-profitti li jkunu ġġenerati matul l-istaġun qasir tas-sajf jiġu assorbiti mit-telf tax-xitwa. Nuqqas kbir li għandna f'Għawdex huwa l-fatt li l-statistika hija prattikament ineżistenti u l-uniċi figuri li għandna jirrigwardaw biss l-akkomodazzjoni fil-lukandi u *guest houses*. Figuri fuq l-akkomodazzjoni fis-*self catering* ma jeżistux. Madanakollu dawn il-figuri għas-sena 1999, li ser insemmu hawn taħt, huma diġa ndikattivi għal dak li semmejna iktar 'il fuq.

***Numru ta' turisti li qattgħu lejl jew iktar f'Għawdex:***

| | |
|---|---|
| Barranin | 43842 |
| Maltin | 29735 |
| Total | 73577 |

***Numru ta' ljieli li dawn it-turisti għaddew f'Għawdex:***

| | |
|---|---|
| Barranin | 189307 |
| Maltin | 142871 |
| Total | 332178 |

***Perċentaġġ ta'sodod okkupati matul l-1999:***

| | |
|---|---|
| Barranin | 25.2% |
| Maltin | 9.4% |
| Total | 34.6% |

Din l-istatistika hija bbażata fuq figuri li jingħataw mil-lukandi u *guesthouses* lill-*Gozo Tourist Office*.

## X'jagħmel mill-prodott turistiku Għawdxi wieħed partikulari? X'inhuma l-karatteristiċi prinċipali ta' dan il-prodott?

Il-*Gozo Tourism Association* temmen li l-prodott turistiku Għawdxi huwa wieħed partikulari u distint. F' Għawdex il-pass tal-ħajja għadu kalm u t-trankwillita' għadha tinħass sewwa. Il-Kampanja Għawdxija hija waħda pittoreska kif inhuma wkoll il-villaġġi tagħna. Il-Bajjiet għalkemm huma ftit u żgħar, il-baħar tagħhom huwa wieħed nadif u ċar daqs il-kristal. Għawdex, għalkemm żgħir, joffri wkoll wirt storiku li huwa għani u li jmur lura eluf ta' snin. Biżżejjed insemmu l-eqdem tempju pre-istoriku, l-Ġgantija. Il-folklor Għawdxi huwa wieħed rikk u li għandu karatteristiċi uniċi. Anke il-mod li bih wieħed jasal għal Għawdex huwa wieħed differenti. Fuq kollox Għawdex għandu lill-Għawdxin stess li għandhom ospitalità partikulari mat-turist, ħaġa li tiġi enfasizzata kontinwament mill-barranin. Dawn huma uħud mill-*Unique Selling Prepostions* li għandu Għawdex, u li jeħtieġ li mmantnuhom u nieħdu ħsiebhom jekk nemmnu bis-serjeta' fl-industrija tat-turiżmu.

## X'inhuma l-iżvantaġġi li intom bħala operaturi ta' din l-industrija kif ukoll it-turisti li jiġu fostna jiltaqgħu magħhom?

L-iżvantaġġi f'dan il-qasam huma ħafna. Fost l-iktar li jispikkaw insibu l-aċċessibilta' tal-gżira, xi ħaġa li kontinwament ikollok tħabbat wiċċek magħha, għaliex kull turist irid jaqsam minn Malta għal Għawdex. Żvantaġġ ieħor hija l-promozzjoni ta' Għawdex, għaliex illum jidher ċar li Għawdex għadu ma huwiex magħruf biżżejjed fis-swieq turistiċi. Ir-rati tal-*package holidays* għal Għawdex huma iktar għola minn ta' Malta minħabba l-fattur tat-trasport bejn il-gżejjer. Il-fatt li l-lukandi Għawdxin huma kollha żgħar fin-numru ta' kmamar huwa wkoll ta' żvantaġġ għall-operaturi.

Għawdex għandu nuqqas ta' faċilitajiet professjonali ta' konferenzi bil-konsegwenza li f'dan is-suq għadna batuti. Żvantaġġ ieħor huwa li ftit huma dawk il-ħaddiema li jagħżlu karriera fil-qasam turisitku, għalhekk l-industrija turistika Għawdxija għandha problemi ta' nuqqas ta' ħaddiema professjonali. U żvantaġġ li nixtieq insemmi huwa forsi aħna l-Għawdxin stess li nilmentaw wisq u ftit li xejn nippruvaw nirranġaw xi ħaġa aħna stess.

## X'inhuma l-proposti li ressaqtu quddiem l-Awtoritajiet għal titjib f'din l-industrija? X'rispons kellkom?

Għalkemm bażikament għadna fil-bidu, l-*Gozo Tourism Association* żammet numru konsiderevoli ta' laqgħat mal-Awtoritajiet sabiex jiġu mressqa proposti u lmenti li jolqtu l-industrija turistika Għawdxija. Huwa impossibli li nelenkaw il-proposti kollha, iżda fost l-ewwel proposti li ressaqna kellna il-*Common Rated Fare* li biha turist destinat għal Għawdex iħallas l-istess prezz bħal dak it-turist li d-destinazzjoni tiegħu tkun Malta. Proposta oħra hija li l-*airlink* eżistenti għandha tiġi mibdula f'waħda operata minn ajruplan żgħir li ikun kapaċi jġorr 25-30 ruħ. Dawn il-proposti nafu li qed jiġu studjati bir-reqqa mill-awtoritajiet. Il-ħolqien ta' passaġġi fil-kampanja Għawdxija b'sinjali li juru u jindikaw il-post fejn qiegħed u lejn fejn tmur kienet proposta oħra li ressaqna, kif ukoll il-ftuħ ta' *Tourist Offices* f'Marsalforn u x-Xlendi. Suġġerimenti oħra kienu jirrigwardaw l-aċċessibilta' għad-diversi postijiet fejn dawn imorru jgħoddsu kif ukoll iktar sigurtà f'dawn il-postijiet. Proposti oħra kienu jirrigwardaw il-Gozo Channel fosthom il-ħinijiet tal-vapuri kemm tas-sajf kif ukoll tax-xitwa li llum dawn isiru b'konsultazzjoni mal-GTA. L-introduzzjoni tal-*luggage trailers* li saru fuq suġġeriment tal-*Gozo Tourism Association* u li ġew milqugħa tajjeb ħafna iktar milli stennejna mit-turisti. Inizjattiva oħra kienet l-għarqa tal-vapur ix-"Xlendi" bħala attrazzjoni għall-għaddasa li grazzi wkoll għall-*Gozo Channel* din il-ħolma saret realta'. Barra min hekk ġie deċiż ukoll li l-parteċipazzjoni ta' Għawdex fil-fieri turistiċi nternazzjonali tkun irrappreżentata mill-*Gozo Tourism Association*. Inizjattiva oħra hija l-publikazzjoni fil-ġimgħat li ġejjin ta' brochure li jirreklama lil Għawdex u s-servizzi turistiċi li wieħed isib fuq il-gżira. Iktar proposti ser jitressqu lill-Awtoritajiet hekk kif jiġi ppubblikat studju professjonali min *Stevens & Associates* li l-*Gozo Tourism Association* ikkummissjonat dwar il-promozzjoni u il-prodott turistiku Għawdxi. Rigward rispons għall-proposti, suġġerimenti u inizjattivi nista' ngħid li dejjem sibna koperazzjoni kemm mill-Ministeru għal Għawdex, Ministeri u dipartimenti oħra f'Malta, kif ukoll id-diversi kumpaniji nazzjonali u entitajiet oħra.

## X'importanza tagħtu lit-turiżmu ntern? Kif jistgħu jgħinu l-Għawdxin fit-tisħiħ ta' din il-kategorija ta' turisti?

Kif rajna iktar 'il quddiem, il-figuri tal-akkomodazzjoni f'Għawdex huma ta' livelli baxxi. U kienu jkunu iktar baxxi kieku f'Għawdex għad ma għandniex is-suq domestiku li kulma jmur qed iżid fin-numru. Kif diġa' ndikajna, is-suq Malti qiegħed jikkontribwixxi kważi 10% mit-total ta' 34% tal-okkupazzjoni fil-lukandi f'Għawdex. Hemm żgur perċentwal tajjeb ieħor tas-suq domestiku li jogħqod f'akkommodazzjoni *self catering*. Bħala klijent, il-Malti huwa ta' livell tajjeb ħafna, u għalkemm il-ġranet li jgħaddi fostna huma ġeneralment fil-*weekends*, imma dan ikun matul is-sena kollha u mhux fis-sajf biss. Allura bir-raġun kollu aħna nħossu li dan is-suq huwa ndispensabbli għall-industrija turistika Għawdxija. U b'għaqal kbir għandna nkomplu nikkurawħ u nieħdu ħsiebu billi nħarsu l-bogħod. Ħażin għalina lkoll jekk dan is-suq providenzjali ngerrxuħ tort tagħna stess b'nuqqas ta' professjonalita', bħal per eżempju meta



jkun hemm *overcharging*. Ma nistgħux indardru l-għajn li rridu nixorbu minnha.

**Xi prospetti tara għal din l-industrija ewlenija f'Għawdex?**

Minkejja l-figuri u l-problemi kollha li semmejna, t-turiżmu f'Għawdex għandu prospetti sbieħ. Il-prodott qiegħed magħna u huwa tagħna u jiddependi minna kemm aħna kapaċi nisfruttaw dan il-prodott. Irridu iżda nibżgħu għalih u hemm bżonn li l-partijiet kollha fil-gżira jagħtu l-parti tagħhom fil-qasam turistiku. Kulħadd jidher li huwa koxju mill-importanza tat-turiżmu għal Għawdex iżda kemm fil-verita' qed nagħmlu l-parti tagħna? Għall-prospetti li għandu Għawdex irridu inkunu aħna li b'għemilna u bil-fatti nibdew nikkontribwixxu. Fil-qasam turistku b'mod speċjali fi gżira żgħira bħalma huwa Għawdex ma nistgħux nikkommettu żbalji li jkollhom effetti negattivi fuq it-turiżmu. Għalkemm il-proċess tal-progress ma jistax jitwaqqaf, għandna dejjem inkunu ggwidati li l-iżvilupp ikun wieħed bilanċjat u sostenibbli għal gżira żgħira bħalna. Hemm bżonn li ndaħħlu kultura u nibdew miż-żgħar tagħna li t-turiżmu huwa ta' kulħadd u mhux ta' dawk il-kważi elf ħaddiem li jiddependu direttament mit-turiżmu. Barra minn hekk hemm ħtieġa kbira li l-wirt kulturali tagħna għandna nibżgħu għalih u nikkurawh u ma nħallux jinżel f'livell li ma jkunx kapaċi li nirriklamawh. Fl-aħħar mill-aħħar it-turiżmu f'Għawdex għandu kompetizzjoni sfrenata madwaru u t-turist għandu għażla vasta fejn jista' jqatta' l-vaganza tiegħu. Jekk jagħżilx Għawdex jiddependi minna lkoll.



*Ħajr lil Click - Malta għall-permess tal-publikazzjoni tar-ritratti ta' l-Imġarr u l-bizzilla*

NAMASTE
AUTHENTIC INDIAN CUISINE
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo. Tel: 561619

ANTHONY'S
BAR AND RESTAURANT
Pizza • Take Away • A la Carte • Local Cuisine
Your hosts: John & Anthony Portelli
20/21, Madre Gemma Camilleri Str, Nadur
(Behind Nadur Church - Il- Pjazzetta
Tel: 565369 Res: 559461 Mobile: 0944 1079

XUEREB Fish Shop
Fresh and Frozen Fish
Qala Road, Nadur - Tel: 565616
OPEN Monday to Saturday: 7.30 - 12.00 p.m.
3.30 - 6.30 p.m.

Bejn id-19 t'April u l-14 ta' Mejju, fit-tliet iswali tal-Ministeru għal Għawdex, ittellgħet wirja ta' Arti Sagra organizzata mid-Djoċesi ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-Ġublew il-Kbir. Din il-wirja ħaddnet fiha għadd kbir ta' kwadri ta' pittura li nġabru mill-parti l-kbira tal-knejjes f'Għawdex u li jirriflettu d-diversi stilijiet ta' pittura mis-seklu 16 saż-żminijiet tal-lum.

Aktarx li l-aktar biċċa xogħol qadima li kienet esposta hija l-ikona magħrufa bħala l-Madonna ta' San Luqa, xogħol tas-seklu sittax. Qrib tagħha huma ż-żewġ *panels* t'isfel tal-polittiku mill-mużew tal-Katidral. Il-Manjeriżmu kien rappreżentat minn xogħlijiet interessanti, fosthom il-Ħarba lejn l-Eġittu, xogħol ta' ċertu livell, attribwit lil Filippo Paladini.




Is-sekli sbatax u tmintax kienu rappreżentati minn għadd sabiħ ta' kwadri kemm ta' artisti Matin tajbin, kif ukoll ta' barranin. Nistgħu nsemmu xogħlijiet minn segwaċi tal-Preti, minn Giuseppe d'Arena u Francesco de Domenici. Kwadri oħra ħarġu mill-pniezel ta' Stefano Erardi, Enrico Regnaud, Gian Nikol u Rokku Buhagiar, Francesco Zahra u l-Franċiż Pierre Guillemin.



Is-seklu dsatax kien rappreżentat b'xogħlijiet ta' Michele Busuttil u wliedu Luigi, Salvatore u Clemente; minn Pietru Pawl Caruana u ibnu Rafel, mill-Kan. Salvatore Bondì, Corlo I. Cortis u minn segwaċi tal-Puristi bħal Salvatore Micallef u Antonio Falzon.

Fit-taqsima tas-seklu għoxrin, spikkaw il-bosta xogħlijiet ta' Giuseppe Calì. Magħhom ta' min isemmi kwadri ta' artisti oħra magħrufa kemm Maltin, kif ukoll barranin li ħadmu għal knejjes f'Għawdex. Dawn jinkludu lil Lazzru Pisani, Robert Caruana Dingli, Gianni Vella, Giuseppe Briffa, Emvin Cremona, Toussaint Busuttil u lit-Taljani Virginio Monti u Giovanni Battista Conti.



L-arti sagra kontemporanja kienet rappreżentata mill-artisti Għawdxin Joseph Sagona, John Grima, Austin Camilleri, George Scicluna u Mario Cassar, kif ukoll mill-artist veteran Taljan, Mario Caffaro Rore.

Il-kwadri esebiti kienu jvarjaw minn titulari ta' altari sa abbozzi għall-pitturi fl-isqfa tal-knejjes. Kollox ma' kollox, din il-wirja tat ħjiel ċar tal-patrimonuju artistiku għani li jinsab fid-Djoċesi tagħna ta' Għawdex. Dawn ix-xogħlijiet ma jirriflettux biss l-iżvilupp fil-pittura tul sekli sħaħ, imma ħafna minnhom huma marbuta wkoll mal-ħajja reliġjuża u devozzjonali tal-poplu.

*Dun Joe Calleja*


Odyssey
Bar ~ Restaurant ~ Pizzeria
**A range of Delicious Mouth - Watering PIZZAS**
~ ~ ~
IL-MENQA, MARSALFORN - GOZO
Tel: 556728 • Fax: 561728 • Mobile: 0997009

Mistees
Bar & Restaurant
**Open Daily**
Home Made Food At Family Prices
Mgarr Rd, Xewkija
Tel: 56 56 59 / 55 60 00
Mob: 09469606
Prop: Lorry Zammit



# Il-Pellegrinaġġ Djoċesan għal Ruma fl-Okkażjoni tal-Ġublew il-Kbir



*Il-Pellegrinaġġ huwa devozzjoni popolari antika ħafna li diġà nsibuh ħaj fil-poplu tal-Patt il-Qadim. Nistgħu ngħidu li fost l-insara sa mill-bidu nett il-pellegrini kienu jitilqu minn pajjiżhom biex iżuru l-Art Imqaddsa, il-postijiet fejn għex Ġesù kif ukoll iktar 'l quddiem l-oqbra tal-martri. Meta l-Knisja Kattolika bdiet tiċċelebra l-Ġublewijiet ma damitx ma daħlet din id-devozzjoni popolari. Maċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew bdew jiġu organizzati diversi pellegrinaġġi lejn il-belt ta' Ruma li magħhom kien hemm marbuta r-rebħ tal-Indulġenza Plenarja. Għad li għadda ħafna żmien u ħafna huma l-affarijiet li nbidlu, t-tradizzjoni li jsir pellegrinaġġ fl-okkażjoni tal-Ġublew għadha waħda qawwija.*

Għalhekk kienet inizjattiva ta' min ifaħħarha li Mons. Isqof flimkien mal-Kumitat tal-Ġublew urew ix-xewqa li jiġi organizzat pellegrinaġġ għal Ruma. Il-Kumitat għażel lil Fr. Effie Masini biex ifassal il-programm ta' dan il-pellegrinaġġ li kellu jinkludi fih diversi Santwarji oħra barra dawk ta' Ruma. Il-Pellegrinaġġ imbagħad ħa ħsiebu Fr. Eddie Zammit u kellu bħala Direttur Spiritwali lil Mons. Isqof. F' dan il-pellegrinaġġ ħadu sehem 47 pellegrin, fosthom seba' saċedoti.

Fl-24 t'April ħallejna lil gżiritna u permezz ta' l-ajru wasalna Ruma għal xi l-11.00a.m u wara morna dritt fid-dar "San Bernardo" li tinsab fil-ġonna sbieħ tat-Tre Fontane. Fil-għaxija żorna l-Bażilka San Paolo Fuori le Mura waħda mill-erba' Bażiliċi Maġġuri. F'din il-bażilika Mons.Isqof mexxa konċelebrazzjoni bil-Malti. Mons. Isqof fl-omelija qal lil dawk preżenti biex inġeddu l-fidi li ġabilna l-Appostlu Missierna San Pawl u għamel talba biex pajjiżna jibqa' fidil għall-bxara t-tajba li wasslilna dan l-Appostlu. Wara l-quddiesa waqafna għal ftit mumenti biex nitolbu fuq il-qabar ta' l-Appostlu tal-Ġnus. Nistgħu ngħidu li lkoll ħassejna ruħna minn ta' ġewwa, anke għaliex ma naqasx li naraw fi kwadru l-miġja ta' l-Appostlu San Pawl fostna l-Maltin.

L-għada fil-għodu kmieni, morna nżuru l-Bażilika prinċipali tal-Vatikan. Wara xi wħud telgħu sa fuq il-koppla biex igawdu d-dehra ta' Ruma minn dak l-għoli u oħrajn qagħdu jitpaxxew u jiflu dik l-arti u skultura li nsibu f'din il-Bażilika. Fil-ħdax Mons. Isqof qaddes flimkien ma' żewġ isqfijiet Taljani fuq l-artal ta' taħt il-Katedra. Għal din il-Quddiesa nistgħu ngħidu li kkonċelebraw is-saċerdoti Ghawdxin kollha li hemm f'Ruma u fl-inħawi qrib. Barra minn hekk kienu diversi dawk il-pellegrini Maltin u Għawdxin ta' gruppi oħra li ngħaqdu magħna f'din il-Quddiesa. Mons. Isqof għamel ukoll omelija qasira bil-Malti. Fl-omelija Mons. Isqof ħeġġeġ lill-insara biex ikunu dejjem fidili għal Katedra ta' Pietru u jżommu l-għaqda tagħhom mal-Papa filwaqt li jiftakru dejjem fih fit-talb li jagħmlu. Fil-għaxija żorna żewġ Bażiliċi Maġġuri oħra,dik ta' Santa Maria Maggiore u dik tal-Lateran. Wara li tlajna l-"iScala Santa" żorna l-Bażilika ta' "Santa Croce in Gerusalemme".

L-Erbgħa 26 t'April erġajna morna l-Vatikan din id-darba għall-udjenza tal-Papa fi pjazza San Pietru. Kienu ħafna il-pellegrini li attendew għal din l-udjenza peress li kienet l-ewwel waħda wara



l-Għid il-Kbir. Fil-pjazza kien hemm atmosfera ta' festa billi kull grupp jipprova jagħmel milli jista' biex juri li hu preżenti u juri ta' liema nazzjonalità hu. Il-grupp tagħna ġie mħabbar kemm minn dak li ppreżenta kif ukoll mill-Papa nnifsu waqt li kellem lill-pellegrini ta' lingwa ngliża. Il-katekeżi għamilha bit-taljan u t-tema kienet id-dimensjoni Trinitarja fit-Trasfigurazzjoni. Fl-aħħar ta' l-udjenza l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, li kien fuq is-sagrat tal-Bażilika, flimkien ma' l-isqfijiet l-oħra sellmu lill-Papa personalment. Kienet esperjenza tassew sabiħa li fuq kollox urietna tassew il-Kattoliċita' tal-Knisja. Fil-għaxija kellna l-okkażjoni nqaddsu fuq wieħed mill-artali tal-kappella fejn hemm it-tliet fontani fejn jingħad li waqgħet ras San Pawl meta ngħata l-martirju.

Matul il-pellegrinaġġ żorna tliet santwarji, ilkoll barra minn Ruma. Ġurnata minnhom morna Assisi fejn kellna l-okkażjoni li nżuru l-postijiet li kellhom x'jaqsmu mal-ħajja ta' San Franġisk u Santa Chiara. Iżda l-isbaħ mument kienet il-Quddiesa li qaddes Mons. Isqof flimkien mas-Saċerdoti l-oħra fuq il-qabar ta' San Franġisk. Jum ieħor żorna is-Santwarji tal-Madonna ta' Loretu u dak ta' Santa Rita f'Cascia. Fis-Santwarju ta' Loretu qaddisna fid-dar ta' Nazaret li tinsab f'nofs is-santwarju. Mons. Isqof fl-omelija qal li l-istorja tas-salvazzjoni bdiet ma' l-Iva li tat Marija bejn dawn l-erba' ħitan fil-ġabra ta' talb. Din hija wkoll is-sejħa ta' kull nisrani li jisma' u jara dak li jrid Alla minnu u jwieġeb b'ġenerożità għas-sejħat li jagħmillu. Ta' interess kbir kienet ukoll il-vista li għamilna f'Subiaco fejn rajna l-post fejn San Benedittu għadda l-ewwel tliet snin maqtugħ mid-dinja, fi grotta żgħira.

Ovvjament ma naqasx li nżuru d-diversi postijiet u knejjes oħra ġewwa Ruma li huma magħrufin għall-valur storiku u reliġjuż tagħhom kif ukoll monumenti u funtani sbieħ. Il-Ħadd 30 t'April uħud mill-pellegrini kellhom il-possibilta' li jattendu għall-Quddiesa tal-Papa li fiha kellu jikkanonizza lil Suor Faustina li xerrdet id-devozzjoni tal-Ħniena Divina t'Alla.

Matul il-pellegrinaġġ barra mill-Quddiesa ta' kuljum kien isir talb ieħor, it-talba ta' fil-għodu, ir-roċita ta' l anġelus u kant spiritwali ieħor. Ir Rużarju kien isir meditat minn Mons. Isqof u Mons. Rużarju Borg. Jien naħseb li l-ikbar sodisfazzjon kien propju dak li l-vjaġġ irnexxielu jieħu tassew il-karattru ta' pellegrinaġġ.

Fl-aħħar naħseb li jixraq ukoll li wieħed jirringrazzja lil Mons. Alfred Xuereb li dejjem sibnieh disponibbli biex joffri l-għajnuna tiegħu. Kien Mons. Xeureb li f'isem il-Kumitat Ċentrali tal-Ġublew irregala lid-Djoċesi t'Għawdex fil-persuna ta' Mons. Isqof waħda mill-ġebliet li kienet tagħlaq il-bieb ta' l-aħħar Ġublew, tal-Bażilika ta' San Paolo Fuori le Mura.

***Dun Renato Borg***

L-10 Anniversarju taż-żjara Pastorali tal-Papa f' Għawdex - 26 ta' Mejju 1990

# Is-Santwarju ta' Pinu jfakkar iż-Żjara tal-Papa



Kienet ix-xewqa tar-Rettur tas-Santwarju, Mons Beneditt Camilleri, li din is-sena, jitfakkar l-għaxar anniversarju tal-vista pastorali tal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II fi gżiritna, imma b'mod partikulari f'Ta' Pinu nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 1990. Għal dan il-għan twaqqaf Kumitat apposta biex ifassal programm ta' ċelebrazzjonijiet.

Ispirat mill-messaġġ li l-Papa kien wassal lil poplu Malti u Għawdxi fl-omelija li għamel fl-ewwel quddiesa li ċċelebra fi gżiritna, proprju fil-pjazza ta' quddiem dan is-Santwarju, il-Kumitat Organizattiv għażel żewġ temi prinċipali għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet: l-imħabba lejn il-Verġni Marija u l-familja.

Infatti l-ewwel attività li saret nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju, kien rally għat-tfal Għawdxin. B'koperazzjoni maċ-ċentri tad-Duttrina fil-parroċċi, aktar minn 700 tifel u tifla ltaqgħu quddiem is-Santwarju u telqu mixja ta' fidi fuq l-għolja t'Għammar, fejn imbagħad kellhom diversi rappreżentazzjonijiet u mumenti ta' talb fl-arena li hemm fuq l-għolja.

Nhar il-Erbgħa, 17 ta' Mejju, fis-Santwarju ġiet imtella' Serata Marjana, taħt il-presidenza ta' l-E.T. Mons Isqof N. Cauchi. Saru tlett diskorsi: dwar ir-raġuni għaliex in-nisrani għandu jagħmel memorja ta' ġrajjiet bħal dawn [d. Mario Grech]; proposti pastorali dwar il-familja fid-dawl tad-diskors tal-Papa f'Ta' Pinu [Arċip. Mons Carmelo Gauci]; u tagħrif dwar il-vjaġġi missjunarji tal-Papa [Alfred Grech]. L-orkestra u l-vuċijiet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel P. Grech esegwew siltiet ta' mużika sagra. Il-programm kien jinkludi ukoll wiri ta' video fuq screen mdaqqas ta' siltiet miż-żjara tal-Papa fostna. Is-serata ntemmet b'diskors ta' Mons. Isqof.

"Is-Santwarju Marjan u l-pelleġrinaġġ lejh" kienet it-tema ta' Simposju Marjan li kien iċċelebrat fid-19/20 ta' Mejju fis-sala tal-konferenzi li hemm fil-kumpless tas-Santwarju Ta'Pinu. Numru sabiħ ta' saċerdoti, reliġjużi u lajċi segwew id-diskorsi li saru matul it-tlett sessjonijiet ta' dan is-Simposju. Il-Prof. P. Salvatore Perrella OSM mill-Fakultà Teoloġika Pontificia Marianum [Ruma] kien il-mistieden speċjali għal dan is-Simposju. Huwa ta żewġ relazzjonijiet: waħda dwar "Marija, xbieha tal-Knisja Pellegrina" u l-oħra dwar "Il-Familja ta' Nazaret Santwarju ħaj, mudell għall-Familja Nisranija". Suġġetti oħra kienu trattati minn kelliema oħra, lkoll esperti fil-materja tagħhom. Mons. Isqof Cauchi tkellem dwar "il-Pellegrinaġġ fil-ħajja tan-nisrani"; Dr. Edward Warrington għamel intervent dwar "Il-bniedem pellegrin"; il-Prof. P. Pietru Pawl Zerafa O.P. spjega x'inhu l- "Pellegrinaġġ Bibliku"; il-Vigarju Ġenerali,




Mons. Giov. B. Gauci tkellem dwar l-aspett ġuridiku u d-dimensjoni pastorali tas-Santwarju; l-intervent ta' Mons. Lawrenz Sciberras kien dwar "It-Tempju ta' Ġerusalemm"; Fr. Gerard Buhagiar żvillupa s-suġġett "Il-Verġni Marija u l-Knisja li tiċċelebra l-Ewkaristija", filwaqt li t-tema assenjata lill-Arċip. Mons. Giuseppi Farruġia kienet dwar "Jekk id-devozzjoni popolari għadx ħemm postha". L-atti ta' dan is-Simposju ser jiġu ppublikati.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet laħqu l-qofol tagħhom b'konċelebrazzjoni solenni fis-Santwarju mmexxija mill- Kardinal Giovanni Cheli, li kien President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Emigranti u l-Itineranti, flimkien ma' Mons. Isqof Cauchi u għadd sabiħ ta' saċerdoti. Qabel il-quddiesa, għadd ta' pellegrini ħadu sehem bit-talb u l-kant f' pelleġrinaġġ mill-awrekarja sal-Bażilika, mmexxi mill-Isqof Cauchi. Fl-omelija, l-Kardinal Cheli fisser is-sodisfazzjon tiegħu li kien qed jissieħeb mal-komunità djoċesana biex tfakkar iż-żjara tal-Papa. Waqt li fakkar il-ġrajja storika ta' meta Carmela Grima semgħet lill-Verġni Marija ssejħilha mill-kappella, hu ħeġġeġ lil dawk preżenti biex jikbru fl-imħabba lejn l-Omm tas-Sema. Il-kor Laudate Pueri taħt id-direzzjoni ta' Dun George Frendo mexxa l-kant waqt il-konċelebrazzjoni.

Nhar is-Sibt, 27 ta' Mejju, fis-Santwarju Ta' Pinu n-Nunzju Apostoliku, l-E.T. Mons. Luigi Gatti, inawgura wirja ta' ritratti dwar il-vjaġġi nternazzjonali li għamel il-Papa matul il-Pontifikat tiegħu.

Waqt li nroddu ħajr lil Alla għad-don li tana meta bagħat fostna lill-Papa, is-suċċessur ta' Pietru, nawguraw li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ikomplu jsaħħu r-rabtiet tagħna mal-Papa, li huwa l-Vigarju ta' Kristu fuq l-art u l-Kap tal-Knisja.

***Dun Mario Grech***

TAL-HWAWAR

# Issa Tista' Tħawwar il-Borma bħal Dari

**Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-Ikel**

***14 - 15 Kerċem Road, Victoria, Gozo. Tel. 562160.***

# Ordinazzjoni ta' Saċerdoti u Djakni 23 ta' Ġunju 2000



Dun Joseph Farrugia (Għarb)



Dun Joseph Grima (Xewkija)



Dun Reuben Micallef (Kerċem)



Djak. Joseph Cardona (Nadur)



Djak. Jesmond Gauci (Xagħra)



Djak. Roberto Gauci (Kerċem)



Djak. Joseph Grech (Nadur)



Djak. Anthony M. Saliba (Katidral - Victoria)



Djak. Joseph Sultana (Xagħra)

*Ad Multos Annos*

# 60 SENA SAĊERDOZJU



Fit-18 ta' Mejju li għadda, **MONS. CARMELO XUEREB**, minn Victoria, fakkar b'Konċelebrazzjoni Solenni s-60 sena tas-Saċerdozju tiegħu.

Mons. Xuereb kien ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Mejju 1940 mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

Huwa serva bħala Viċi-Parroku fil-Parroċċa ta' Sannat u Rettur tal-Knisja ta' San Pawl fil-Munxar. Fl-1954 inħatar Monsinjur tal-Katidral. Kemm il-darba kellu l-kariga ta' Vigarju Ekonomu fil-parroċċi ta' Sannat, Munxar, Għasri, Qala u Xewkija.

*Ad Multos Annos*

IR-RADJU R.T.K. FUQ L-INTERNET : http://www.di-ve.com

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

*EHILSU MILL-QILLA TAX-XEMX*
*U SEBBĦU T-TWIEQI TAGĦKOM*

**GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.**

*ta' TONY CAMILLERI*

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*
**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

*PREZZIJIET RAĠJONEVOLI*

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.

# L-Ewkaristija

Ħsibijiet miġbura minn A.C.M.

## L-Erba' Għanijiet tal-QUDDIESA

1 Nagħtu Qima u Naduraw lil Alla, Ħallieq u Sid tagħna

2 Inroddulu Ħajr għal dak kollu li jagħmel magħna

3 Inpattulu għal dnubietna

4 Nitolbuh dak li nixtiequ.




## Għalhekk il-Quddiesa hi

1. Sagrifiċċju LATREWTIKU
2. Sagrifiċċju EWKARISTIKU
3. Sagrifiċċju PROPIZJATORJU
4. Sagrifiċċju IMPETRATORJU

*Ittra Pastorali "L-Ewkaristija" tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. (04/11/1999)*

## Kristu jgħammar fostna u fina

*Permezz ta' l-Ewkaristija, Ġesu' Kristu li hu*

***IL-FEDDEJ tal-Bniedem,***

*u*

***L-UNIKU SALVATUR tad-dinja***

*mhux biss jibqa' fostna, iżda wkoll jibqa' fina.*

*Jien nixtieq ngħid lil dawk kollha li jemmnu* ***ĦARSU B'FIDUĊJA lejn Kristu***

***ĠEDDU L-IMĦABBA tagħkom lejn Kristu preżenti fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija.***

## Kristu hu:

*Il-**Mistieden Divin** ta' ruħkom.*

*Hu l-**Għajnuna** f'kull Djgħufija*

*Hu l-**Qawwa** f' kull tiġrib*

*Hu l-**Faraġ** f'kull djieqa*

*Hu l-**Ħobż tal-Ħajja***

*Hu d-**Destin Aħħari** ta' kull bniedem*

*Papa Ġwanni Pawlu II - Bologna, Italja - 28/09/97*

# AGĦMLU DAN B'TIFKIRA TIEGĦI...

## Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija xtaqha Kristu stess u fdaha lill-Knisja



*Awl il-lejl qabel il-Passjoni, waqt li kien fuq il-mejda ma' l-Apposti, Kristu riedhom ikollhom sehem ħaj mill-Misteru ta' l- Għid.*

**Għalhekk waqqaf l-Ewkaristija**
*bħala tifkira tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu u ordnalhom biex jibqgħu jiċċelebrawha sa kemm jerġa' jiġi fil-glorja.*

**Għalhekk aħna niċċelebraw l-Ewkaristija biex nobdu x-xewqa ta' Kristu.**

## Niċċelebraw l-Ewkaristija bħala Komunita'

***L-Ewkaristija*** mhix xi ħaġa privata, mhix azzjoni ta' xi individwu iżda hi ċelebrazzjoni ekkleżjali, jiġifieri azzjoni li tirrigwarda u tibni l-Knisja kollha.

Il-Knisja dejjem tiftakar illi "Il-Knisja tagħmel l-Ewkaristija u l-Ewkaristija tagħmel il-Knisja".

Għalhekk il-Komunita' ta' l-Insara dejjem iċċelebraw l-Ewkaristija bħala l-Għajn u l-Quċċata tal-Ħajja u tal-Missjoni tagħha.

## Għaliex il-Quddiesa tal-Ħadd?

Għal din ir-raġuni, aħna niltaqgħu kull nhar ta' Ħadd f'isem Alla biex nitrejqu

mill-**Mejda tal-Kelma**

u mill-**Mejda tat-Tqarbin**

sabiex NOBDU x-xewqa li tenna Kristu lejliet il-Passjoni.

***Aħna ma nistgħux nsejħu lilna nfusna nsara u mbagħad nittraskuraw l-Ordni ta' Kristu "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi".***

Mid-dokument tal-Vatikan bi tħejjija għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li ser isir f'Ġunju 2000 f'Ruma fl-okkażjoni tas-Sena tal-Ġublew il-Kbir.

---

## *Għaliex xi wħud jgħidu li "JIDDEJQU" fil-Quddiesa?*

**...iwieġeb l-Isqof Brendan Comiskey, mill-Irlanda**



*"Ħafna jiġu l-Quddiesa tal-Ħadd...*

***b'idejhom vojta...*** matul il-ġimgħa ta' qabel ma jkunu għamlu l-ebda opra tajba jew xhied nisranija

***b'rashom vojta...*** rashom mimlija b'kollox, iżda ftit hi mehdija f'Alla

***b'qalbhom vojta...*** bla ħeġġa u bla ma jieħdu sehem attiv fil-quddiesa

***Għalhekk jiddejqu...!***

Mir-rivista Irlandiża "The WORD"

## Dun Ġorġ Preca - 6

# DUN ĠORĠ U L-PAPA



Dun Ġorġ Preca kellu qima speċjali lejn il-Papa. Fih aktar milli persuna kien jara uffiċċju ta' persuna li huwa s-suċċessur ta' San Pietru nnifsu.

Ta' min jinnota u hija sinifikanti li sas-sena 1932 s-soċjeta kienet magħrufa bħala Soċietas Papidum et Papidissarum ( Is-Soċjeta ta' wlied il-Papa). Dun Ġorġ għamel testment spiritwali qabel is-sena 1916 u wieħed mill-punti li ħallielna kienu " Qima lejn il-Papa, l-Isqfijiet, speċjalment l-Ordinarju tad-Djoċesi u lejn il-qassisin kollha".

Dun Ġorġ ried li jkollna rabta u qima lejn il-Papa. Illum il-poplu tad-dinja għandu aktar stima tal-Papa aktar minn qatt qabel. Fi żmienu għalkemm il-Papat beda jirkupra l-istima tiegħu wara li kienu itteħdulu l-Istati Pontifiċji, il-Papa kien joqgħod il-Vatikan filwaqt li l-pellegrini kienu jmorru jżuruh. Jekk Dun Ġorġ kellu xewqa li jsiefer din kienet li jmur jara l-Papa.

Infatti huwa għex taħt sitt Papiet li huma Ljuni XIII, San Piju X, Benedittu XIV, Piju XI, Piju XII u Ġwanni XIII. Nistgħu ngħidu li Dun Ġorġ kien iħobb il-Papa ghax huwa l-Vigarju ta' Kristu fuq din l-art. Kiteb innu għas-soċi li jgħid ħekk:

Is-Sliem O Papa Tagħna,  
Is-Sliem blata tal-Fidi  
li għandek l-imfietaħ tas-sema  
U l-Mulej ikun miegħek.

Din it-talba hija diwi tal-Kapitlu XVI ta' San Mattew, li ċertament kien xtarr u mmedita sewwa. Dun Ġorġ Preca ma kellux fidi sentimentali lejn il-Papa iżda waħda bbażata fuq il-fidi. Għalih l-isem ta' Pietru ma kienx isem personali ta' Xmun, imma huwa isem li ġie minn Kristu nnifsu biex juri li l-funzjoni ta' Pietru hija "blata" li tgħaqqad. Kif il-bini huwa mibni fuq il-ġebel, hekk l-Knisja hija bbażata fuq il-Papat.

Nistgħu ngħidu li kieku Dun Ġorġ għex fi żmien meta l-Papa ma kienx igawdi prestiġju jew kien jidħer fi kriżi, Dun Ġorġ xorta waħda kien jgħallem l-istess tagħlim. Huwa qatt ma kien jimxi bis-sentimenti iżda ried li l-fidi tan-nisrani tkun mibnija fuq id-duttrina tal-Knisja.

Meta ngħidu li Dun Ġorġ kellu stima tal-Papa, nistgħu ngħidu li din kienet tfisser stima wkoll għall-Isqfijiet li huma magħquda f'Xirka mal-Papa. Ta' dan Dun Ġorġ ta' eżempju ta' xhieda. Fil-bidu tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, meta inqala' l-inkwiet mal-awtoritajiet tal-Knisja, huwa mhux talli ma irribellax iżda rawwam fis-Soċjetà tiegħu l-ubbidjenża lejn il-Knisja.

Id-devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn il-Papa kienet waħda kollha kemm hi ta' fidi. U f'dan ir-rigward nistgħu ngħidu li huwa profeta taż-żminijiet moderni fejn l-Papa preżenti huwa forsi l-aktar persuna popolari fid-dinja.

*Angelo Xuereb*






# ĠESTI TA' KARITÀ



Is-sena li għaddiet 1999, dedikata lil Alla l-Missier, bi tħejjija għall-Ġublew il-Kbir, kienet ukoll ċelebrata bħala s-Sena tal-Karità, permezz ta' atti konkreti ta' mħabba.

- F'isem il-Papa, il-Kunsill Pontifiċju ***COR UNUM*** ta $ 1,211,600 f'għajnuna lill-popli milquta minn diżastri u $555,100 għal proġetti ta' żvilupp uman u nisrani.
- L-inizjattiva ***100 PROĠETT TAL-PAPA*** tat madwar $20 miljun għal aktar minn 200 proġett li jolqtu l-opri tal-ħniena spiritwali u korporali: dan kien l-ammont mogħti minn bosta djoċesijiet f'pajjiżi ndustrijalizzati u minn organizazzjonijiet Kattoliċi lil djoċesijiet f'diversi pajjiżi li qed jiżviluppaw.
- 700 miljun liri Taljani ġew mogħtija mill-***PANIS CARITATIS*** għal proġetti fir-Repbublika Demokritika tal-Kongo, Rwanda u Sudan.
- IL-***FONDAZZJONI POPULORUM PROGRESSIO*** tat $1,705,900 biex tiffinanzja 215 proġetti żgħar għall-foqra ndiġeni, mestiżi u għall-komunitajiet ta' bdiewa Afrikani-Amerikani fl-Amerika Latina.
- IL-***FONDAZZJONI ĠWANNI PAWLU II*** għas-Sahel tat $ 5,500,000 biex jiġu miġġielda l-irjieħ u d-deżertifikazzjoni fid-9 pajjiżi ta' dak ir-reġjun.

Flimklen ma'dawn irridu nżidu l-għajnuniet li ta l-Papa b'modi oħra bħall-għotjiet li saru direttament mill-Qdusija Tiegħu waqt laqgħat personali ma' isqfijiet, ROACO u s-Soċjetajiet Pontifiċji Missjunarji (Propoganda Fide, San Pietru Appostlu u s-Santa Infanzja) li fl-1988 taw $189,618,000 f'għajnuna.

**AKTAR FIGURI**

Riċentament ġie publikat l-*Annuarium Statisticum Ecclesiae* li fih l-istatistiċi tal-Knisja għall-1998.

Mill-1997, il-popolazzjoni ta' mgħammdin Kattoliċi żdiedet b'1/10 ta' 1 fil-mija: minn 17.3 Kattoliċi għal kull 100 abitant tad-dinja fl-1997 għal 17.4 fis-sena 1998. Id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni Kattolika tvarja minn reġjun għal ieħor:

(a) l-Amerika fiha kważi nofs il-Kattoliċi tad-dinja (28.4% tal-Kattoliċi tad-dinja jgħixu fl-Amerika t'isfel u 14% fl-Amerika Ċentrali u fl-Amerika ta' Fuq);
(b) fl-Ewropa hawn 27.8% tal-Kattoliċi tal-globu;
(ċ) numri żgħar jinsabu fl-Afrika (11.5%);
(d) l-Asja (10.4%) u
(e) fl-Oċeanja (0.8%)

Ninnutaw li dan l-aħħar naqas in-numru ta' Kattoliċi fl-Ewropa u żdied fl-Afrika u fl-Asja.

MARIO DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Is-Sisien Tat-Tagħlim Soċjali Tal-Knisja

# 4. Il-jeddijiet tal-bniedem matul iż-żminijiet -1

mill-E.T. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex



*Huwa mportanti ħafna li l-kattoliċi ta' żminijietna jkollhom ideja ċara tal-jeddijiet umani. Jixraq iżda qabel xejn li wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn l-iżvilupp storiku ta' dik il-mentalità li wasslet sabiex jiġu rikonoxxuti l-jeddijiet umani.*

**L-Iżvilupp tas-sistema tal-jeddijiet umani.**
Nistgħu nibdew mill-**istojċiżmu**, il-filosofija greko-romana li kienet prevalenti fi żmien Kristu u ftit wara. L-istojċi kienu jammettu li kull bniedem peress li għandu sehem mir-ruħ tad-dinja u għandu fih qisha xrara tad-divinità, suppost li għandu l-libertà oriġinali u l-ugwaljanza ta' drittijiet. Dawn it-titoli huma anterjuri għas-setgħa li għandu l-imperatur jew min jagħmel il-liġijiet.

**Il-Kristjaneżmu primittiv**
Sa minn dak iż-żmien kienu jemmnu fil-misteru tax-Xirka tal-Qaddisin. L-insara kienu jżommu li kull bniedem huwa maħluq xbieha t'Alla, imsejjaħ biex ikun iben t'Alla u għad li l-bniedem iġġarraf fid-dnub iżda jibqa' kapaċi li jiġi salvat bil-grazzja ta' Kristu. Ta' min jinnota fost oħrajn l-espressjoni ta' San Ljun il-Kbir: "Agħraf o nisrani d-dinjità tiegħek". Din id-dinjità tan-nisrani hija bbażata fuq il-fatt li huwa iben adottiv t'Alla u li għandu l-ħajja sopranaturali ġewwa fih.

**Fl-ewwel sekli tal-Medju Evu**
Iżjed milli fuq id-drittijiet tal-individwi kienu jitkellmu fuq id-drittijiet korporattivi. L-ideja tad-drittijiet umani, għad li kienet impliċita fil-mentalità ta' dak iż-żmien, iżda kien għadha mhix ċara biżżejjed. Is-soċjetà kienet organizzata f'korporazzjonijiet jew gruppi ta' nies li kellhom l-istess interessi jew professjoni. Kien hemm mhux biss l-organizzazzjoni tal-Kleru u tan-nobbli, iżda wkoll il-"guilds" jew korporazzjonijiet tal-bennejja, mastrudaxxi, eċċ. Il-bniedem kellu jeddijiet mhux bħala bniedem, iżda bħala membru tal-organizzazzjoni li kien fiha, u bħala tali kien igawdi dawk li jsejħulhom "libertas, privilegium honor, dignitas, status." Fl-Ingilterra, il-Magna Carta Libertatum (1215) ikkonfermat id-drittijiet u l-libertajiet li n-nobbli kellhom igawdu bla ma jiġu mfixkla mis-sultan.

**L-Iskolastika**
Fit-tagħlim tal-iskolastika ġew żviluppati l-prinċipji tal-persuna umana bħala suġġett tad-drittijiet u tad-dmirijiet. Il-persuna umana kienet ikkunsidrata bħala l-ogħla ħaġa u l-aqwa perfezzjoni fil-ħolqien. Hija mżejna mhux biss bir-raġuni, iżda anke bil-libertà. Dawn il-prinċipji swew bħala pedament għad-duttrina soċjali tal-Knisja Kattolika u għall-iżvilupp tagħha.

### Il-*Bill of Rights* tal-Ingilterra

"The English Bill of Rights"(1689) kellu l-għan li jinforza t-tmexxija tal-liġi ("the rule of law") kontra t-tmexxija arbitrarja tal-bniedem ("arbitrary rule of man") permezz ta' Parlament magħżul liberament, wara perjodu ta' żmien.

### Il-Kostituzzjoni Amerikana

Il-formulazzjoni dettaljata tal-jeddijiet umani bħala jeddijiet anterjuri u superjuri għas-setgħa tal-Istat ma saritx fil-Medju Evu u l-anqas fi żmien ir-Riforma, imma fi żminijiet iktar reċenti, ċioè wara r-Rivoluzzjoni Amerikana, fl-1776, fid-Declaration of Independence. Din id-dikjarazzjoni tasserixxi l-jeddijiet tal-bniedem u l-jedd tas-self-government. Tafferma l-egwalità tal-bniedem u li l-bniedem ġie mżejjen minn Alla bi drittijiet naturali.

### Ir-Rivoluzzjoni Franċiża

Dawn l-idejali tal-libertà u tal-egwaljanza, fl-Ewropa ġew imxerrda u ppromulgati iktar tard. In konnessjoni mar-Rivoluzzjoni Franċiża u bħala riżultat tagħha, saret l-ewwel kodifikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u taċ-ċittadini fid-"Decleration of Human Rights" tal-1789 u fil-Kostituzzjoni Franċiża tal-1791. Id-Dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u taċ-ċittadini tal-1789 issemmi l-jeddijiet għal-libertà, propjetà, siġurtà u r-reżistenza għall-oppressjoni. Hemm enfasi fuq il-libertà tal-ħsieb u tal-kelma, u referenza għal-libertà tal-kuxjenza. Ta' min josserva li d-drittijiet umani, kif nafuhom illum, għandhom rabta ma' żewġ rivoluzzjonijiet: Ir-Rivoluzzjoni Amerikana u dik Franċiża. Wara l-1789, il-*bills of rights*, saru parti organika tal-kostituzzjonijiet miktuba ta' ħafna pajjiżi, li ħadu bħala mudell il-Kostituzzjoni Franċiża.



### Il-Marxizmu-Leniniżmu

Skond il-Marxiżmu-Leniniżmu, jeżistu d-drittijiet taċ-ċittadini li huma fid-diskrezzjoni tal-Istat u jiddependu mil-liġi pożittiva u mhux mill-istess natura umana. Fi kliem ieħor, dawn il-jeddijiet jeżistu fil-bniedem, mhux għax tahomlu Alla u l-anqas għaliex huma inerenti fin-natura tiegħu ta' bniedem, iżda għax tahomlu l-Istat li lejh il-bniedem huwa suġġett bħala ċittadin. Dawn il-jeddijiet l-Istat jista' jnaqqashom u f'xi każi partikolari anke jirtirahom.

*(Ikompli fil-ħarġa ta' Awissu/Settembru)*






# IL-BARRIERI F'GĦAWDEX

F'Għawdex insibu diversi tipi ta' barrieri skond liema kwalita' ta' blat wieħed ikun irid jaqta'. Għaldaqstant, l-ewwel osservazzjoni li nixtiequ nagħmlu hi dwar liema tipi ta' blat insibu f'Għawdex. Il-ġeoliġija tal-gżejjer Maltin turina li f'dawn il-gżejjer insibu ħames kwalitajiet ta' blat, jiġifieri:

5. Żonqor ta' Fuq,
4. Rina,
3. Tafal Ikħal,
2. Franka,
1. Żonqor ta' Taħt.

F'Għawdex insibu barrieri tista' tgħid ta' l-istrati jew saffi kollha ta' blat, għalkemm illum mhux kollha huma wżati. Nibdew miż-Żonqor jew Qawwi ta' Taħt. Barriera taż-Żonqor ta' Taħt kienet tinsab f'Ras il-Qala u oħra qrib Ħondoq ir-Rummien. Minn din il-barriera kien jinqata' ġebel iebes ħafna li jista' jiġi illustrat u jidher qisu rħam. Infatti dan kien jissejjaħ irħam ta' Għawdex. Minn dan il-ġebel saru xogħlijiet fil-Katidral ta' Għawdex, fil-Katidral ta' Liverpool u fil-Knisja Parrokkjali tal-Marsa. Dan il-ġebel iebes tal-Qala ntuża wkoll biex bih saru bosta monumenti f'Malta u Għawdex bħalma huma l-monumenti ta' l-Assedju l-Kbir fil-Belt Valletta, dak tal-Gwerra fil-Furjana, u l-Monument tal-Gwerra fit-Tokk, ir-Rabat, Għawdex. Il-blat tal-barriera ta' Ħondoq ir-Rummien intuża wkoll biex bih inbnew il-*breakwaters* tal-Port il-Kbir u ta' l-Imġarr ta' Għawdex.

Barriera importanti tal-blat taż-Żonqor ta' Taħt kienet tinsab f'Wied Ħmar qrib ta' Kerċem u li jiżbokka f'Wied il-Lunzjata. Minħabba ċ-ċaqliq ta' l-art dan il-blat jinsab kważi fl-istess livell tas-saff tal-blat taż-Żonqor ta' Fuq li jinsab in-naħa tan-nofs in-nhar tiegħu. Minn din il-barriera ta' Wied Ħmar inqata' l-blat kollu tas-sekonda li bih inbnew is-swar il-ġodda tal-Kastell (1595-1622). Il-ġebel kien jinġarr minn dan il-post għal fuq il-Għolja tal-Belt fuq il-karrettuni miġbudin mill-bhejjem.

Il-blat taż-Żonqor ta' Taħt jissejjaħ ukoll blat tas-Sekonda. Dan il-blat jinqata' wkoll biex minnu jsir il-ġir fil-kalkari li kienu jinsabu l-aktar fl-inħawi ta' Sannat u tal-Munxar għalkemm storikament nafu li kienet tinsab kalkara antika ħafna qrib ta' fejn illum hemm il-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini, ir-Rabat, Għawdex, imsejħa Forn il-Ġir, li l-ġir tagħha aktarx kien jintuża fil-bini tas-swar il-qodma tal-Kastell ta' Għawdex. Aktar qrib lejna insibu wkoll kalkara l-Imġarr, Għawdex, li l-ġir tagħha aktarx kien jintuża fil-bini tat-Torri Garzes li kien jinsab l-Imġarr u l-bini tas-swar tal-Forti Chambrai.

Il-blat taż-Żonqor ta' Taħt tajjeb ukoll biex minnu jagħmlu ż-żrar, imma dan ix-xogħol aktar isir f'Malta milli f'Għawdex peress li f'Għawdex iż-żrar isir mill-Qawwi ta' Fuq.

Niġu issa għas-saff ta' blat tal-Franka. Dan hu l-aktar saff importanti li minnu jinqata' l-ġebel għall-bini, għaliex blat pjuttost artab u jinħadem sewwa, kemm biex jintaġar kif ukoll biex jitnaqqax fuqu xogħol tal-lavur u ta' l-iskultura. Qabel xejn irrid ngħid li s-saff tal-Franka fih diversi taqsimiet. Fih il-blata ħadra, l-aktar li tkun fil-wiċċ, u li dari kienet tintuża għall-kwiener u għaċ-ċangaturi tal-fran. Din il-blata tirreżisti ħafna in-nar. Fih il-blata l-kaħla u l-blata tar-ratba li malli tara l-arja tinħall u ssir trab. Fih il-blata tal-ġulġliena li hi tajba għall-bini, imma tkun imtektka u tirreżisti ħafna l-arja tal-baħar u l-erużjoni. Fih imbagħad il-Franka proprja li tfisser blata ħielsa minn kull impuritajiet. L-aħjar Franka jingħad li kienet tinqata' mir-raħal ta' Sannat. Pero', kien hemm ukoll blat minn din il-kwalita' fir-raħal tax-Xewkija u l-aktar fl-irħula ta' San Lawrenz, wara ta' Kerċem, u fil-Għarb. Infatti, l-inħawi tal-punent ta' Għawdex għadhom sa llum l-aqwa postijiet minfejn

jinqata' l-blat tal-franka għall-bini. Barrieri enormi jinsabu fl-inħawi ta' wara l-Għadira ta' Sarraflu li minn uħud minnhom għadna naraw ħerġin tagħbijiet kbar ta' ġebel biex jaqdu l-ħtiġijiet ta' l-industrija tal-bini ta' gżiritna.

Fuq is-saff tal-franka nsibu s-saff tat-tafal ikħal. Hawnhekk xi ħadd għandu mnejn jistaqsini, mela t-tafal blat? Iva, skond il-ġeoloġija, it-tafal jissejjaħ ukoll blat, blat artab. Naturalment, il-blat tat-tafal ma kienx jinqata' biex jibnu bih. It-tafal kien jintuża l-aktar biex bih jagħmlu l-fuħħar u statwetti żgħar jew pasturi. L-aktar post magħruf li minnu kien jieħdu t-tafal kien dak tal-Għolja tal-Veċċa jew ta' Camilleri qrib il-Għasri. Bil-fuħħar kienu jagħmlu kull xorta ta' reċipjenti bħalma huma qolol, qnanet, ġarar, dorog, u saħansitra katusi ta' l-ilma. Il-fuħħar imkisser kienu jużawh ukoll biex bih jagħmlu d-deffun għall-kisi tal-bjut u l-ibbattmar tal-bjar qabel ma daħal is-siment.

Iktar 'il fuq mis-saff tat-Tafal hemm is-saff tar-Rina (ramel isfar) jew blata safra. Dan is-saff ta' blat hu iktar importanti f'Għawdex milli f'Malta. F'xi bnadi hu oħxon mhux ħażin, imma f'bosta bnadi oħra bil-kemm jidher. Per eżempju, fuq il-Għolja ta' Gelmus, qrib ir-Rabat, is-saff tar-Rina hu verament imponenti, l-aktar f'dik in-naħa li tħares lejn il-Gran Kastell. Tant hu isfar dan il-blat li dari kien jingħad li fih id-deheb u l-merkurju! Iżda, imbagħad, fil-Għolja tal-Mixta bil-kemm jidher. Dan il-blat mhux importanti biex jintuża għall-bini minħabba li jitfarrak malajr. Għalhekk, ma nsibux barrieri tar-Rina. Imma hawnhekk tajjeb ngħidu li dan it-tip ta' blat intuża biex bih jibnu xi ħitan tal-fortizza ta' Chambrai fl-Imġarr, Għawdex. Ma nafux eżatt minfejn inqata' dan il-blat imma aktarx inqata' min-Nadur jew mill-istess blat tal-Għolja ta' Ras it-Tafal fejn inbniet il-fortizza. Ir-ramel sabiħ qisu deheb tar-Ramla l-Ħamra tnissel minn din il-blata. Ir-Rina jew ramel ta' dan il-blat tintuża wkoll mid-dilettanti tal-presepju Għawdxin biex biha jagħmlu l-egħlieqi fil-presepju tagħhom.

Hawnhekk nixtieq ngħid li l-oniċe taż-Żebbuġ, li dari kien magħruf bħala Alabastru Għawdxi, tnissel fis-saff tar-rina li jagħmel ukoll parti mill-blat tal-Għolja taż-Żebbuġ.

Niġu issa għall-aħħar saff, dak ta' fuq nett, jiġifieri ż-Żonqor ta' Fuq jew blat tas-samm. Dan il-blat ġie li jissejjaħ ukoll tal-Prima jew Qawwi ta' Fuq għaliex hu mill-aktar iebes. Dan il-blat jinqata' l-aktar biex minnu jagħmlu z-żrar. Barrieri taż-żrar insibuhom fil-Mixta, ix-Xagħra, u n-Nadur. Hawn ta' min jgħid li dari ż-żrar kien jitkisser bl-idejn, b'martell apposta, xogħol ta' paċenzja kbira. Ġebel iebes taż-Żonqor ta' Fuq jintuża wkoll biex bih isiru l-kurduni tal-bankini, l-ewwel ftit filati tal-bini biex jaqtgħu l-umdita' jew l-indewwa, għetiebi u ċangar ta' l-art. Dan il-ġebel jissejjaħ ukoll ġebel tal-presepju minħabba l-varjeta' tassew sabiħa ta' ġebel li jinqata' minn dan is-saff, l-aktar fejn jitħallat mar-Rina, u li minnhom isiru l-presepji tradizzjonali



*Il-barriera taż-żonqor f'Ħondoq ir-Rummien, fil-Qala, mnejn inqata' ħafna ġebel għall-monumenti f'pajjiżna.*

Għawdxin tal-ġebel.

Dari l-qtugħ tal-blat tal-franka u taż-Żonqor ta' Taħt kien isir kollu bl-idejn. L-aktar għodod importanti kienu dawn: il-baqqun li kien ikun ta' żewġ tipi, dak tal-franka u l-ieħor tal-qawwi, il-landi, iċ-ċapep, l-ispnajjar, il-mazza, il-lieva jew pal u l-menża li kienet tkun ta' żewġ



*Waħda mill-barrieri tal-franka fin-naħat tal-Wardija f'Kerċem, mnejn qed jinqata' l-ġebel għall-bini tad-djar bħalissa.*

xorta, jiġifieri dik li jġorruha tnejn min-nies u dik li jġorruha erbgħa min-nies, skond il-kobor tal-ġebla li kienu jkunu jridu jġorru. Il-qtugħ tal-blat kien isir billi l-ewwel idawru l-blata li jkunu jridu jaqtgħu bit-trinek jew bħal kanali dojoq, imbagħad iħaffru l-kinnieri jew pettijiet fil-ġenb il-mikxuf tal-blata u fl-aħħar isammru fihom l-ispnajjar li kienu jkunu bħal kunjardi kbar li jagħtu fuqhom bil-mazza sakemm il-blata kbira, jew tratt blat, tinqata' minn ma' ommha. Il-blata, imbagħad, titqassam f'kantuni skond id-daqsijiet li jkun irid tal-barriera biex jilħaq il-ħtiġijiet ta' min ikun għamel l-ordni għall-ġebel.

Hemm ħafna x'wieħed igħid dwar il-barrieri u l-qtugħ tal-ġebel kif kien isir dari. Illum ix-xogħol isir bil-magni, b'iżjed ħeffa, b'inqas tbatija, imma m'għadux interessanti bħal dari.




# IR-RUMANI

## Storja ta' Ruma.

***Bħalma għamilt qabel, mal-miġja ta' ħakkiema ġodda fuq il-Gżejjer Maltin, tajt ħarsa fuq fuq lejn l-oriġini tagħhom. Hekk ukoll ser nipprova nagħmel dwar ir-Rumani.***

Jingħad li Ruma ġiet imwaqqfa fis-sena 753q.K. minn kolonisti Latini minn Alba Longa, belt fil-qrib mill-Latium antika. Il-leġġenda tgħid li wara li Aeneas ġie mkeċċi minn beltu Troja, u l-istess belt ġiet miknusa mill-Griegi, huwa waqqaf "Troja" ġdida fl-Italja bl-isem ta' Alba Longa. Ħafna snin wara, ir-Re Numitor, dixxendent ta' Aeneas ġie mġiegħel minn ħuh Amulius, li kien ta' qalb xierfa, biex iħalli t-tron u jitlaq mill-belt. Meta t-tifla ta' Numitor, Rea Silvia, li kienet verġni kkonsagrata lil alla Vesta, welldet tewmin bl-ismijiet ta' Romulus u Remus, Amulius beda jibża' li 'l quddiem dawn setgħu jisirqulu t-tron. Għalhekk ta' qalb ħażina li kien, amar li t-tewmin jiġu mgħarrqa fix-xmara Tevere. Iżda l-ħsieb tiegħu ma rnexxiex għax b'xorti tajba, is-subien ġew salvati minn dan l-att krudil. Il-leġġenda tkompli li t-tewmin ġew mtella' minn lupa billi sqiethom il-ħalib tagħha, u fil-post li fih ġew salvati twaqqfet il-belt ta' Ruma. Imma r-rakkont ikompli li Romulus ħebb għal ħuh Remus fuq fettuqa u qatlu u hu sar l-ewwel re ta' Ruma.

## Il-Monarkija

Wara Romulus (753 - 715q.K.) kien hemm sitt rejiet oħra li kienu:

***Numa Pompilius*** (715 - 676 jew 672q.K) dan is-sultan kien introduċa ħafna użanzi reliġjużi.
***Tullus Hostilius*** (673 - 641 q.K.) kien re gwerrier, ġab fix-xejn il-belt ta' Alba Longa u ġġieled mas-Sabini.
***Ancus Marcius*** (641 - 616q.K.) jingħad li bena l-post ta' Ostia u ħakem taħt is-saltna tiegħu ħafna bliet Latini u ġiegħel lin-nies ta' dawn l-ibliet biex jgħixu fil-belt Rumana.
***Lucius Tarquinius Priscus*** (616 - 578q.K.) baqa' magħruf għall-ħidma militari tiegħu kontra bliet fil-qrib u għat-twaqqif ta' bini pubbliku.
***Servius Tullius*** (578 - 534q.K.) jibqa' mfakkar għall-kostituzzjoni ġdida li kien għamel u għat-tkabbir tal-ħitan li kienu jdawru l-belt ta'Ruma.
***Lucius Tarquinius Superbus*** (534 - 510q.K.) kien re tirann u mkabbar bih innifsu u għalhekk il-poplu Ruman keċċieh u minflok il-monarkija waqqaf repubblika.

## Ir-Repubbblika

***Tqassim ta' tmexxija.***

Ir-Repubbblika Rumana ma kenitx imħollija f'idejn persuna waħda imma kienu jieħdu ħsieb it-tmexxija grupp ta' persuni msejħa senaturi, li kienu jiltaqgħu flimkien fis-Senatus. Kull sena ċittadini Rumani kienu jivvutaw biex jagħżlu ċertu numru ta' senaturi biex iservu ta' uffiċċjali tal-gvern. Is-senaturi kollha kienu magħżula minn familji sinjuri rumani. Il-maġġoranza taċ-ċittadini kienu jgħixu sempliċi u f'ċertu faqar u kienu jħossuhom mhux rappreżentati tajjeb minn dawn is-senaturi.

Minn fost is-senaturi kienu jiġu eletti żewġ Consules kull sena. Dawn kienu jkunu l-aktar żewġ uffiċċjali anzjani fil-gvern u kienu jmexxu fuq il-pariri tas-Senatus. Biex ħadd minn dawn it-tnejn ma

jgħaddilu minn moħħu li jsir tirann, kull Consul seta' juża' l-veto (iwaqqaf milli ssir xi ħaġa) tiegħu fuq l-ieħor. Hekk, it-tnejn li huma riedu jaqblu fuq id-deċiżjonijiet li riedu jittieħdu. Fi żmien ta' għawġ għar-Reppublika, is-Senatus seta' jeleġġi dittatur, li kien ikollu s-saħħa assoluta.

Il-Praetor kien jiġi wara l-Consul f'dik li hija setgħa. Tmien Praetores kienu jiġu eletti biex imexxu s-sistema legali ta' Ruma. Meta kienu jiżdiedu xi provinċji 'l barra mit-territorju ta' Ruma, il-gvernatur provinċjali kien iservi flok il-Praetor. Il-Quaestor u l-Procurator kienu żewġ uffiċċjali nkarigati mill-finanzi. Dawn ġeneralment kienu jiġbru t-taxxi biex tkun tista' titħallas l-armata. Kien hemm ukoll il-post ta' Aedilis. Xogħol dawn l-Aediles, li kienu erbgħa, kien li jieħdu ħsieb it-twaqqif ta' bini pubbliku, is-sistema tad-drenaġġ, toroq u traffiku kif ukoll riedu jipprovdu swieq għall-kummerċ. Dawn l-uffiċċjali kienu responsabbli mill-logħob publiku u għalhekk kienu popolari ħafna man-nies.

Ma' dawn il-karigi kien hemm wkoll l-uffiċċjali reliġjużi, il-Flemens, li kienu nkarigati mill-qima lill-allat tal-istat u jieħdu ħsieb li jsiru s-sagrifiċċji kif ukoll il-festi tagħhom f'waqthom. Il-Pontifex maximus kien l-ogħla kariga ta' dawn l-uffiċċjali li aktar tard kienet miżmuma mill-imperatur.

## Gaius Jullius Caesar

Fi żmien li Ruma kienet Repubblika numru ta' ġenerali kellhom setgħa kbira ħafna. Wieħed minn dawn kien Ġulju Ċesare. Fis-sena 59 q.K. wara li seva f'diversi pożizzjonijiet tal-gvern ruman, ġie elett consul. Bl-armata li kellu rnexxielu jirbaħ territorji kbar f'isem Ruma, tant li s-setgħa u l-fama li beda jibni madwaru bdiet tħasseb bi sħiħ lis-senaturi. Minnħabba dan ordnawlu biex jitlaq l-armata. Iżda huwa m'obdiex din l-ordni, anzi għall-kuntrarju, bis-saħħa li kellu nvada l-belt ta' Ruma u ħakimha taħt idejh b'setgħa ta' dittatur.

## l-Imperu Ruman

Wara l-mewt ta' Ġulju Ċesare, li kien assassinat minn nobbli repubblikani fil-15 ta' Marzu tas-sena 44 q.K., Ċiċerun ipprova jerġa' jwaqqaf fuq saqgħajha l-kostituzzjoni repubblikana, imma kien kollu ta' xejn, u wara li nibtu bosta gwerer ċivili l-ħakma waqgħet fuq l-aħħar żewġ ġellieda, il-konslu Mark Antonju u Octavjanu. Dan ta' l-aħħar kien it-tifel adottat ta' Ġulju Ċesare. Kif kien mistenni nibtu konflitti bejn iż-żewġ mexxejja li wasslu għal gwerra bejniethom. Fis-sena 31 q.K., wara battalja qalila fuq il-baħar f'Actium, Octavjanu ħareġ rebbieħ u allura sar l-uniku mexxej ta' Ruma.

Octavjanu ħa l-isem ta' Augustus, li jfisser "majestuż". Wara daqstant taqbid u nċertezzi fil-gwerer ċivili, il-poplu Ruman kien imxennaq għal ftit paċi u mexxej b'saħħtu. Augustus qagħad attent ħafna li jħalli l-ideja tar-Republika ħajja u sejjaħ lilu nnifsu sempliċiment bħala "l-ewwel ċittadin", wieħed mill-poplu. Imma fil-fatt kien l-ewwel imperatur — ir-Repubblika mietet u ndifnet u fl-istorja Rumana deher il-bidu ta' Imperu li kellu jkompli jsaħħaħ il-qawwa tal-belt ta' Ruma. Augustus iddikjara żmien ta' paċi fuq id-dinja Rumana.



Wara l-mewt ta' Augustus, Ruma kompliet tkun immexxija mill-imperaturi għal sekli sħaħ. Imma bħalma jiġri dejjem, għax l-istorja tirripeti ruħha, mhux l-imperaturi kollha mexxew bid-dehen u l-għaqal lil dan l-imperu. Uħud minnhom saħansitra kienu morda bil-ġenn, oħrajn kienu korrotti għall-aħħar. Fil-bidu kienu bdew jinħolqu dinastiji, fejn imperatur kien ikollu s-suċċessur membru tal-familja tiegħu. Aktar tard l-armata bdiet tinfluwenza min jilħaq l-ogħla kariga billi tiddikjara bħala imperatur lil xi ġeneral li kien ikollu suċċess fil-karriera tiegħu. Fit-tieni seklu wara Kristu bdew jilħqu imperaturi sa anke mill-provinċji.



# It's All About

# Freedom

3 YEAR WARRANTY



Accent

Driving with a Real Difference

## It's Designed for You

You expect a lot from Hyundai. The New Accent encompasses the very best Hyundai has to offer: Strong, confident styling combined with state-of-the-art engineering for top performance and unsurpassed safety, as well as the reliability, easy maintenance and good value that all Hyundai's represent.

## 4-Door: Can Something So Fresh and Contemporary be a Classic?



HYUNDAI
BUILT WITH A PURPOSE

**EUCHARIST MERCIECA**
**Auto Ltd.**
INSURANCE SERVICES
Mgarr Road, Victoria VCT 11, Gozo.
Tel: 559977
552593
Tel/Fax: 557716
Mobile: 099 6025

# LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

## RIGAL LILL-ABBONATI KOLLHA TAGĦNA

**Fl-okkażjoni tal-Ġublew 2000 il-*Lumen Christi Publications* qegħda toffri għal matul dan is-sajf li ġej (Lulju - Settembru):**

# OFFERTA SPEĊJALI

lill-abbonati kollha tar-Rivista Djoċesana

***Il-Ħajja f'Għawdex***

**Skont speċjali 50% fuq 10 kotba differenti**

**Kristu: Ħajtu u Tagħlimu** — ~~Lm3.[illegible]0~~ - Lm1.75
*Dun Piet Sammut*

**Mixja mas-Sena tal-Knisja** — ~~Lm3.[illegible]0~~ - Lm1.50
*Mons. L. Sciberras*

**Il-Madonna fil-Poeżija Ewropeja** — ~~Lm2.[illegible]0~~ - Lm1.00
*Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*

**Il-Ġublew: X'inhu u Għaliex** — ~~Lm1.[illegible]0~~ - Lm0.75
*Mons. Salv Borg*

**Il-Mixja Spiritwali** — ~~Lm[illegible]0~~ - Lm0.75
*Scupoli / P. Ġiġi Camilleri, S.J.*

**Missierna...Ikun li trid Int!** — ~~Lm1.[illegible]0~~ - Lm0.50
*S. Ċiprijanu / S. Alfonz*

**Nistrieħu fil-Mulej** — ~~Lm1.[illegible]0~~ - Lm0.50
*Dun Anton Sultana*

**Hawn hi Ommok** — ~~Lm1.[illegible]0~~ - Lm0.50
*Angelo Xuereb*

**Armoniji ta' Ħsieb u Fidi** — ~~Lm1.[illegible]0~~ - Lm0.50
*Prof. Ġuże Aquilina*

**Pariri Spiritwali ta' Patri Piju** — ~~Lm[illegible]50~~ - Lm0.25
*A. Parente / R. Galea*

**u fuq is-sett kollu Lm 1 inqas Lm 7 BISS**

Dawk l-abbonati li jixtiequ jakkwistaw xi kopja jew is-sett sħiħ ta' l-għaxar kotba msemmija, għandhom imorru l- "Lumen Christi Bookshop" biss u jieħdu magħhom il-borża / invilops li fiha jirċievu "*Il-Ħajja f'Għawdex*" bit-tikketta (*label*) ta' isimhom u l-indirizz.

**Din l-offerta hija limitata għal kopja waħda biss minn kull ktieb għal kull abbonat/a,** *sat-30 ta' Settembru 2000.*

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## L-Użu tal-Mediċinali fl-Isport

**SA MILL-BIDU ta' l-isport fi żmien il-Griegi, il-bniedem beda jipprova jtejjeb il-wirja tiegħu fl-isports billi jżid diversi sustanzi fid-dieta li jiekol. Biż-żmien dan l-isperimentar fid-dieta ta' l-atleti sar iktar sofistikat tant li nħolqot il-kelma "doping" biex tiddeskrivi l-użu illegali ta' sustanzi differenti fost l-isportivi. Hekk fl-aħħar tas-seklu dsatax bdew jintużaw sustanzi bħal spirti, kafejjina, kokajina u ċerti sustanzi oħra msejħa 'opiates'.**

Dawn is-sustanzi jagħtu vantaġġ mhux misthoqq lill-atleti li jużawhom, billi jistimulaw il-ġisem biex ikollu iktar saħħa waqt il-ġiri. Għalhekk kull min juża xi sustanza minn dawn u jinqabad jiġi skwalifikat mill-kompetizzjoni u jitlef il-premju li jkun rebaħ. Illum biex atleta jiġi skwalifikat irid jinstab il-kwalità ta' kimika li jkun ħa permezz ta' analizi sofistikati fuq l-urina ta' l-atleta. Is-sutanza trid tkun waħda minn dawn: steroids, amfetamini, opiates jew xi tip ta' narkotiċi oħra.

Dawn kif inhuma magħrufa bdew isiru wara l-Olimpjadi ta' l-1960 (Ruma) meta ċiklist Daniż kien miet kagun ta' doża qawwija ta' amfetamina li kien ħa. Testijiet għal *opiates* u eroina kienu introdotti fl-1968 fl-Olimpjadi tal-Messiku. Iżda l-*isteroids* baqgħu jkunu użati sa l-1974 meta kien żviluppat test biex jittestja l-preżenza ta' dawn is-sustanzi fl-urina. Dawn it-testijiet huma tant sofistikati li t-teknoloġija li jirrekjedu biex isiru tiswa ħafna flus u għalhekk mhux il-pajjiżi kollha jistgħu jagħmlu dawn it-testijiet għax ma għandhomx il-laboratorji meħtieġa. Fid-dinja kollha hemm madwar 28 laboratorju biss li huma rikonoxxuti mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali li jistgħu jagħmlu dawn it-testijiet. Barra minn hekk mhux fil-kompetizzjonijiet kollha dan id-*doping control* jista' jsir. Per eżempju fil-futbol waqt il-finali tat-Tazza tad-Dinja jew waqt l-Olimpjadi l-plejers u l-atleti jistgħu jiġux ittestjati għad-*dope*. F'kompetizzjonijiet oħrajn fuq livell ta' *club* u anke timijiet nazzjonali kontrol għad-doping ma jsirx qabel il-partiti.

Ċerti mediċinali li nużaw ta' kuljum bħal ċerti *sprays* għall-imnifsejn miżduda bl-influwenza jew xi riħ jista' jkun fihom ammont ta' amfetamina biżżejjed biex id-*dope test* jiġi pożittiv. Għalkemm dawn il-mediċini xi kultant jittieħdu mingħajr l-ebda skop ta' dope jistgħu jkunu l-kaġun li jiġu skwalifikati jekk l-użu tagħhom ma jkunx ikkontrollat. Din il-ħaġa ġrat lill-atleta Brittaniku Christie fl-Olimpjadi ta' Seoul, il-Koreja t'Isfel fl-1988.

Biex inkunu iktar speċifiċi hemm tliet kategoriji ta' mediċinali li jintużaw bħala dope. Dawn huma l-istimulanti per eżempju, amfetamini, kokajina u efedrina; in-narkotiċi bħal morfina, eroina, petedina u kodejina; u anaboliċi bħal l-isteroids. Ta' min jinnota li l-atleti nisa li jużaw il-pillola kontraċettiva t-test tad-doping ser ikun posittiv b'dana kollu huma ma jkunux skwalifikati. Ir-raguni hija waħda medika għax l-anabilic steroids tant għandhom effetti ħżiena fuq in-nisa li ftit huma dawk li jazzardaw jużawhom. Dan l-aħħar kien hemm min ipprova jieħu vantaġġ fuq l-oħrajn billi qabel it-tiġrija jieħu transfużjoni tad-demm! S'issa

dan mhux ikkunsidrat bħala doping. Fl-opinjoni tiegħi dan huwa xorta waħda użu abbużiv tal-mediċina u dan it-tip ta' trattament mhux ġustifikat. Barra minn hekk hemm nuqqas ta' qbil bejn federazzjonijiet internazzjonali dwar il-lista ta' sustanzi li huma kkunsidrati bħala *dope*.

Il-kontroll isir billi jittieħed kampjun ta' urina ta' l-atleta eżatt wara li ssir il-kompetizzjoni. Dan il-kamjun jinqasam fi tlieta: parti għall-analiżi ta' l-anaboliċi, parti għall-analiżi ġenerali u l-aħħar parti tinżamm *spare* għal iktar kontroll jekk ikun hemm bżonn. Dawn il-kampjuni ikunu ssiġillati u jintbagħtu f'laboratorju li jkun ġie magħżul biex



jagħmel l-analiżi. Dan kollu jsir taħt kontroll strett. Meta t-test jiġi pożittiv l-atleta jiġi msejjaħ biex ikun investigat u jsiru testijiet aktar dettaljati tad-demm.

Meta għidna dan kollu huwa ovvju li *doping tests* hawn Malta mhumiex possibbli għax laboratorju li jagħmel dawn it-testijiet ma jistax ikun li nżommuh għax trid ħafna spejjeż. Manankollu ċerti assoċjazzjonijiet ta' l-isports hawn Malta xorta jagħmlu testijiet għad-*doping* bħal per eżempju l-MFA, tal-Body Building u ta' l-Atletika. Dawn jibagħtu barra minn Malta, ġeneralment Ruma, kampjuni ta' l-urina meħudin għall-għarrieda mingħand l-atleti biex b'hekk ċertu kontroll jinżamm u ma jingħatax lok għal xi abbużi.

L-isports huwa mod ta' rikrejazzjoni u huwa fattur li jgħaqqad il-pajjiżi kollha flimkien mingħajr distinzjoni ta' lewn, reliġjon jew idjoleġija. Għalhekk hija ħasra li l-għan ewlieni ta' l-isports ikun imħassar mill-kummerċjaliżmu li joħloq il-piki u jista' jwassal għall-użu ta' mediċinali li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem.


PAUL SCIBERRAS MSC
PSYCHOLOGIST & PSYCHOTHERAPIST
Stress and Anxiety Management
depression, Marital, Family
& Relationship Problems
60, Manoel de Vilhena Str, Gzira - Malta
Tel: 317446 Mob: 097 7291



# MOVIMENT ĦBIEB U BENEFATTURI - SOSTENITURI SENA 2000

Il-Ħajja f'Għawdex

*Minn qalbna rridu pubblikament nirringrazzjaw lil dawk l-abbonati tagħna li minn jeddhom joffru donazzjoni 'extra' b'risq l-ispejjeż tal-istampar tar-rivista, barra l-ħlas ta' l-abbonament regolari (Lm3). Dawn il-persuni huma meqjusa bħala ħbieb speċjali tagħna, u minn din is-sena bdew jitniżżlu fuq reġistru apposta bħala membri tal-"Moviment Ħbieb u Benefatturi ta' "Il-Ħajja f'Għawdex". Dan il-moviment ġdid, imwaqqaf f'Jannar 2000, jiġbor fih numru sabiħ ta' abbonati sostenituri li qegħdin jgħinuna nħallsu spiża ta' madwar Lm 600 fix-xahar biex nippublikaw din ir-rivista, b'offerti liberi minn Lm 4 sa Lm10 li qegħdin nirċievu. Il-lista ta' dawn l-abbonati sostenituri minn Jannar sal-aħħar t'April hija din:*

Aquilina Sr. Lucia (Valletta), Attard Rose (Victoria), Abela Angela (Qala), Apap Joe (Għarb), Azzopardi Consiglia (Sannat), Attard Frances (Xewkija), Attard Mary Rose (Xagħra), Azzopardi Marija (Nadur), Axiaq Joe (Għarb), Azzopardi Orietta (Għ'sielem), Attard Lucy (Victoria), Attard Mary (Nadur), Apap Maria Stella (Victoria), Azzopardi Mons. Franġisk (Xagħra), Attard Dun Tarċisju (Għ' sielem).

Bezzina Raymond (Victoria), Buttigieg Josette (Qala), Bonnici Lina (Sannat), Buttigieg Salvu (Nadur), Bajada Laurence (Xagħra), Bugeja Josephine (Kerċem), Borġ Mons. Rosario (Fontana), Buhagiar Fr. Gerard (Xagħra), Bonnici Dun Frans (Attard), Bajada Dun Anton (Sannat), Bugeja Anthony (Għ'sielem), Borg Dun Nazju (Xagħra), Borg Kan. Dun Karm (Kerċem), Bonnici Anastasia (Xewkija), Borg Wenzu (Sannat).

Ciantar Nikol (G'Mangia), Curmi Paul (Munxar), Cassar Paul M. (Victoria), Camilleri Marinton (Qala), Cordina Dun Ġorġ (Għ'sielem), Camilleri M'Josette (Victoria), Camilleri Antoinette (Żejtun), Camilleri Ġużeppa (Victoria), Cassar Grace (Victoria), Cachia Rosa (Żebbuġ), Cremona Ġużeppa (Qala), Camilleri Ġużeppa (Qala), Cefai Marija (Qala), Camilleri Josephine (Qala), Cutajar Salvina (Qala), Cardona Rose (Sannat), Cini Josephine (Żebbuġ), Cardona Salvina (Żebbuġ), Cremona Ġużeppa (Nadur), Camilleri Marija (Xewkija), Camilleri Maria (Nadur), Cauchi Agnes (Sannat), Cassar Dun Karm (Għ'sielem), Casha Marija (Victoria), Camilleri Victoria (Xagħra), Camenzuli Salvina (Għarb), Camilleri Rose (Nadur), Cauchi Marija (San Lawrenz), Cauchi Salvu (San Lawrenz), Cauchi Kan. Dun Ġużepp (Nadur), Cutajar Maria (Victoria), Curmi Carmen (Xaghra), Cutajar Dun Manwel (San Lawrenz).

Depasquale E.J. (Għarb), Debrincat Rita (Munxar), Dimech Mons. Giovanni (Victoria).

Farrugia Dun Karm (Ħ'Attard), Flores R.P. (Paola), Formosa Josephine (Victoria), Fiteni Mary Louise (Xagħra), Farrugia Kan. Dun Ġorġ (Xagħra), Formosa Victoria (Għasri), Frendo M'Angela (Għarb), Farrugia Mons. Joseph (Victoria), Farrugia Ġolina (Għarb).

Grech Jackie (Victoria), Grech Carmela (Nadur), Gauci George (Victoria), Grima Margaret (Sannat), Galea Dr. Salvino (Nadur), Grima Carmela (Qala), Grech Francesca (Qala), Grech Mary Rose (Qala), Grech Pawlu (Victoria), Grima Maria Saveria (Victoria), Grech Maria (Victoria), Gauci Mons. Arċid. Giovanni B. Vigarju Ġenerali (Victoria), Gauci Mons. Ġużepp (Victoria), Gauci Kan. Dun Ġużepp (Victoria), Grech Kan. Dun Ġużepp (Nadur), Galea Kan. Dun Manwel (Xagħra), Grech Mons. Ġużepp (Kerċem), Galea Rose (Għarb), Grima Nina (Qala), Grima Mons. Salv (Nadur), Grech Ġuża (Victoria), Galea Mary (Ghajnsielem).

Hili Francesca (Xewkija), Haber Kitty (Xewkija), Haber Zammit Francis (Xewkija).

Lupi Mons. Ġużeppi (Sliema). (R.I.P.)

Mizzi Joseph (Kerċem), Masini Franco (H'Attard), Muscat Annie (Mellieħa), Mifsud Josephine (Sannat), Muscat Benigna (Qala), Mizzi Mary Jane (Sannat), Muscat Ġiljan (Nadur), Mejlaq Loreta (Għajnsielem), Mizzi Carmela (Munxar), Mintoff Kan. Dun Ġużepp (Għasri), Mercieca Kan. Dun Ġwann (Victoria), Mercieca Eugene (Gharb), Muscat Carmen (Nadur).

Piscopo Dun Ġużepp (San Lawrenz), Portelli John (Marsalforn), Pisani Ġuża (Qala), Portelli Kelina (Qala), Portelli Ġuża (Nadur), Portelli Maria (Xagħra), Pace Mons. Salvatore (Nadur), Pisani Margarete (Nadur).

Refalo Rapa Kan. Dun Ġiljan (Xagħra), Refalo Marija (Xagħra), Rapa Raymond (Sannat).

Scicluna Grech Mons. Carmelo (Victoria), Spiteri Dun Manwel (Sannat), Xerri Josette (Qala), Scicluna Joe (Victoria), Sultana Dominic (Xagħra), Spiteri Maria Assunta (Għ'sielem), Sultana John (Xagħra), Sultana Carmen (Xagħra), Sciberras Gregory (Kerċem), Said Mananni (Nadur), Saliba Antonia (Żebbuġ), Sultana Ġużepp (Xagħra), Sultana Mons. Arċ. Ewkarist (Xagħra), Sammut Anthony (Nadur), Sciberras Marianna (Xagħra), Spiteri Maria (Għajnsielem), Spiteri Ġuża (Victoria), Sultana Mikelina (Xagħra), Said Grazia (Qala), Sacco Kan. Dun Ġużepp (Victoria), Sultana Maria (Xagħra), Saliba Dun Ġużepp (Żebbuġ).

Teuma Pia (Fontana), Tabone John (Nadur), Tabone Mons. Ġorġ (Victoria), Teuma Bernarda (Xagħra).

Vella Vincent (Victoria), Vella Matilda (Żebbuġ), Vella Antonia (Żebbuġ), Vella Carmen (Gharb), Vella Joseph (Nadur), Vella Pawla (Qala).

Xuereb Mons. Carmelo (Victoria), Xerri Ġużeppa (Qala), Xuereb Concetta (Qala), Xerri Angolina (Munxar), Xuereb Doris (Qala), Xerri Ġuża (Qala), Xerri Maryanne (Xagħra).

Zammit Benna (Xewkija), Zammit Maria (Żebbuġ), Zammit Doris (Victoria), Zammit Kan. Dun Ġużepp (Għasri).

**LIL DAWN KOLLHA : GRAZZI ĦAFNA!**

*Dawk il-qarrejja tagħna li jixtiequ jidħlu membri f'dan il-"Moviment Ħbieb u Benefattturi" tar-rivista, jistgħu jibgħatu kwalunkwe offerta 'l fuq minn Lm2 lill-Amministratur "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Victoria VCT 111.*

CORDINA PHOTO MARKET
34 Main Gate Street, Victoria - Gozo
GENERAL PHOTOGRAPHERS
PHOTO FINISHERS
PHOTO GOODS DEALERS
COLOUR LABORATORY
CORDINA'S
CPM
STUDIO
TEL. 556270

# Għawdex Sportiv



## SAMMY ATTARD

### *L-ISPORTIV GĦAWDXI*

### *TAS-SENA '99*

Nhar is-Sibt, 6 ta' Mejju 2000, fil-Kumpless Sportiv tar-Rabat, saret it-12 l-edizzjoni tal-Għażliet Sportivi Għawdxin '99 organizzata għal darba oħra mill-Bord Sportiv Għawdxi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Għal dan il-konkors kien hemm 33 nomina mqassma f'sitt kategoriji. Fil-kategorija taż-Żgħażugħa Promettenti ħarġet rebbieħa Carla Mariè Vella (Basketball) b'77 punt segwita minn Justine Cini (Atletika) b'71 punt. Josienne Grima (Volleyball) spiċċat it-tielet b'59 punt u warajha ġew Alison Xuereb (Għawm) b'57 punt u Annabella Marie Geratghy (Spirit Combat) b'51 punt.

Il-kategorija taż-Żagħżugħ Promettenti, ntrebħet minn Shawn Aguis (Atletika) bi 78 punt. Fit-tieni post b'60 punt kull wieħed spiċċaw Darren Pace (Football) u Christophe Martin (Karate). Warajhom spiċċaw Steve Scicluna (Waterpolo-Għawm) b'59 punt u Shawn Vella (Spirit Combat) bi 58 punt.

Joe Camilleri (Football) b'66 punt rebaħ il-kategorija tal-Uffiċjal. Fit-tieni u t-tielet post rispettivament spiċċaw Marıa Angela Caruana (Basketball) b'59 punt u Marvic Bajada (Atletika) bi 58 punt. Warajhom ġew Mario Saliba (Spirit Combat) bi 48 punt, Alfred Camilleri (Baseball) bi 43 punt, Marvic Cauchi (Tiġrijiet taż-Żwiemel) b'37 punt, Frank Refalo (Squash) b'34 punt, Richard Studley (Sparar fuq il-Plattini) bi 33 punt u Mark Vella (Waterpolo) b'31 punt.

It-Tim tal-Gozo Clay Target Association rebaħ il-kategorija tat-Tim tas-Sena b'69 punt. Huma kienu segwiti mit-Tim Għawdxi tan-Nisa tal-Basketball b'67 punt, Nadur Youngsters F.C. b'66 punt, Tornadoes (Basketball) bi 58 punt u Otters A.S.C. U/19 (Waterpolo) b'55 punt.

Il-kategorija tal-Isportiva tas-Sena ntrebħet minn Lysette Gauci (Basketball) b'81 punt u warajha spiċċat Marie Vella (Spirit Combat) b'72 punt.

Sammy Attard (Football) rebaħ il-kategorija tal-Isportiv tas-Sena bi 72 punt. Punt biss warajh spiċċa Charlie Calleja (Sparar fuq il-Plattini). Warajhom ġew John Grima (Atletika) bi 62 punt, Joe Portelli (Tiġrijiet taż-Żwiemel) bi 48 punt, Marc Tabone (Waterpolo) b'44 punt u Jeff Tabone (Baseball) b'31 punt.

F'din l-edizzjoni bil-motto "L-Isports - Sehem Importanti fil-Ħajja" ġew mogħtija Premijiet Speċjali lil Gozo F.C. għas-suċċess li kisbu bil-promozzjoni għall-Premier u lill-Atleta Sonny Borg għas-sehem tiegħu fid-diversi maratoni nternazzjonali bi skop li jiġbor fondi b'risq għaqdiet filantropiċi. Ġie ppremjat ukoll l-Isportiv mill-Passat fejn ġie onorat Tony Cauchi (Sparar bil-Qaws). F'din l-edizzjoni partikulari ngħata l-Premju Millennju lil dak it-tim li rebaħ l-iktar unuri matul is-snin kollha li għaddew. Dan l-unur ġie mogħti lil Sannat Lions F.C.

Is-serata kienet tinkludi wiri ta' video clips bi profil ta' kull atleta nominat







*jikteb Joe Bajada*

flimkien ma' videos oħra ta' premijiet u attivitajiet li saru matul is-sena 1999. Joe Bajada, Chairman tal-Bord Sportiv Għawdxi għamel diskors ta' ntroduzzjoni, filwaqt li l-Ministru għal Għawdex, l-On. Giovanna Debono qassmet it-trofej u wasslet messaġġ ta' l-okkażjoni.

## *VICTORIA HOTSPURS CHAMPIONS TAL-FOOTBALL F'GĦAWDEX*



Victoria Hotspurs huma c-champions il-ġodda Għawdxin, Titlu miksub f'dan il-51 kampjonat organizzat mill-GFA. Dan unur waslilhom wara nuqqas ta' ħames staġuni. Għalihom hu l-għaxar kampjonat biex komplew isaħħu posthom fl-ewwel post ta' l-iktar tim li kien champion f'Għawdex. Fil-fatt huma segwiti minn Sannat bi tmien titli. Għar-Rabtin dan is-suċċess hu l-ewwel wieħed tal-Millenju, kif ukoll l-ewwel wieħed għalihom kemm ilu l-football Għawdxi jintlagħab fuq it-turf.

Id-dimensjoni fis-suċċess ta' Hotspurs tikber meta wieħed jiftakar il-fatt li fl-istaġun l-ieħor huma kienu sfaw relegati mill-Premier. Iżda mbagħad minħabba l-modifikazzjonijiet fil-formati tal-kampjonati, huma lagħbu u rebħu *play-off* biex aċċertaw ruħhom minn post fl-ewwel diviżjoni. Ovvjament ir-risposta ta' Hotspurs f'dan il-kampjonat kienet pożittiva għax spiċċaw f'ras il-klassifika b'vantaġġ ta' tliet punti fuq Għajnsielem.

M'hemmx dubju li huwa titlu meritat għall-Hotspurs. Titlu li jġib il-marka ta' l-istilla għax huwa l-għaxar wieħed għalihom. Hotspurs mhux biss irrispettaw il-pronostiku ta' bosta, iżda rnexxielhom jirreaġixxu b'mod effettiv wara bidu pjuttost inċert bi tliet *draws* infila. Imbagħad anke meta f'nofs il-kampjonat ħadu żewġ telfiet wara xulxin, huma rkupraw tajjeb u minn hemm 'l quddiem ma ħarsux lura, għax spiċċaw kisbu sitt rebħiet konsekuttivi minn daqstant ħarġiet.

Barra minn hekk Hotspurs urew li huma l-iktar konsistenti mit-tmien timijiet li ħadu sehem fejn bil-bdil tal-barrani Matanovic ma' Rama f'Diċembru, mlew dak il-vojt ta' nofs il-grawnd. Minn hemm bdew jikkrejaw iktar logħob kostruttiv, amalgamaw aħjar u saru iżjed kostruttivi fl-attakk fejn spiċċaw biex skurjaw l-iktar goals (34).

Bħala *runners-up* spiċċaw il-promossi Għajnsielem b'27 punt. Għall-Blacks kien kampjonat tajjeb fejn spiċċaw bl-aħjar difiża li sofriet 14-il goal biss. Jekk għalihom kien ta' diżappunt li ma rebħux il-kampjonat minkejja l-iskwadra tajba li għandhom, fattur sodisfaċenti kien li l-attakkant tagħhom in-Niġerjan Jude Madu spiċċa bħala l-aqwa skorer tal-kampjonat b'16 il-goal.

Fit-tielet post b'20 punt spiċċaw l-ex-champions Nadur Youngsters. Kollox kien jindika li setgħu jirrepetu s-suċċess tas-sena l-oħra, iżda wara r-riżenja tal-coach Teddy Bajada l-affarijiet ma marrux tajjeb u bdew it-tiri tan-niżla, fejn ma ħadu l-ebda rebħa mill-aħħar erba' logħbiet. Ta' diżappunt għalihom kien ukoll li spiċċaw bl-agħar attakk tal-kampjonat fejn skurjaw l-inqas (17).

Fir-raba' post b'żewġ punti inqas spiċċaw il-promossi l-oħra ta' Żebbuġ Rovers, bla dubju r-rivelazzjoni ta' l-istaġun. Huma kellhom riżutati tajbin fosthom rebħa kontra c-champions Hotspurs. Però batew min-nuqqas ta' esperjenza, għalkemm għal dan pattiet il-grinta tagħhom b'diversi żgħażagħ jikkonfermaw li jippromettu. Kien fuq kollox kampjonat trankwill għaż-Żebbuġin.

Punt inqas warajhom insibu lil Xewkija Tigers li forsi ppretendew li jiksbu xi ħaġa aħjar. Huma alternaw logħbiet tajba ma' oħrajn b'indifferenza, u għalkemm fil-bidu kienu fost ta' quddiem spiċċaw biex mhux biss inqatgħu mill-ġlieda għat-titlu, iżda kellhom jitħabtu biex isalvaw posthom.

B'16 il-punt spiċċaw Xagħra United. Tim li ma tantx kien konsistenti fil-logħob tiegħu. Mill-bidu wrew li ma kienx ser ikollhom kampjonat feliċi. Huma fil-fatt m'għarfux joħolqu bilanċ fit-tim. B'dan in-nuqaas tagħhom huma stess ħolqu d-diffikultajiet għalihom.

Relegati b'14 il-punt insibu lil Sannat Lions. Bla dubju l-iktar tim li ddiżappunta. Wara bidu tajjeb bdew jisfaxxaw u kien taid wisq meta bdew jirkupraw, Żgur li ftit stennew li wara l-isfida qawwija tas-sena l-oħra, Sannat kienu ser jispiċċaw jaqgħu isfel. Forsi dan ukoll ġara minħabba nuqqas ta' tmexxija tajba.

Relegati wkoll b'9 punti, kklassifikati fl-aħħar post, spiċċaw Victoria Wanderers. Promossi anke f'dan l-istaġun, ir-Rabtin għamlu li setgħu minkejja li kienu jafu bil-limitazzjonijiet tagħhom. Il-Wanderers ma kienux daqstant ħżiena bħalma juru r-riżultati fejn rebħu żewġ logħbiet biss u qalgħu l-iktar goals fil-kampjonat (38).

Xagħra ġew ukoll relegati wara li tilfu 0-1 kontra Oratory Youths.

# Mid-dinja Teknoloġika

rubrika ta' **Pierre J. Mejlak**

## *"I Love You" - u le aħjar xejn!*



Tliet ġimgħat ilu mill-Filippini ħarġet għajta ta' mħabba qawwija ħafna. Ħafna nies marru jiċċekkjaw l-ittri virtwali u sabu ittra bl-isem ILOVEYOU. Ħafna minnhom forsi eċitaw ruħhom. Ħasbu li għandhom xi ammiratur sigriet iħuf warajhom. Ħadd ma bassar li din kienet il-bewsa ta' Ġuda! Il-virus fil-posta elettronika xtered madwar id-dinja fi ftit sigħat u miljuni ta' kompjuters, fosthom ħafna f'Malta, spiċċaw vittmi. Dan il-virus, bl-isem ILOVEYOU, intbagħat bħala 'attachment' ma' email li bħala suġġett tagħha kellha l-kliem ILOVEYOU. Sakemm ir-rivista marret għall-istampa l-virus kien għadu fiċ-ċirkolazzjoni u diġa' kienu saru varjanti tiegħu.

X'kien jiġri? Malli persuna tirċievi din l-email u tiftaħ l-'attachment', il-virus awtomatikament jinfetta l-kompjuter. Barra minn hekk l-istess virus jintbagħat awtomatikament lill-ħbieb tiegħek li jkunu fil-*contact list* tiegħek! B'hekk barra li persuna tkun laqqtet il-virus tkun il-kaġun ta' ħafna aktar inkwiet!

Il-virus xtered b'mod allarmanti. Il-kumpanija nternazzjonali *Trend Mico* li tispeċjalizza fis-sigurta' tal-kompjuters stmat illi f'temp ta' madwar 40 siegħa kienu nfettati madwar 1.27 miljun fajl tal-komputer madwar id-dinja. L-aġenzija tal-aħbarijiet MaltaMedia rrappurtat li f'Malta dan il-virus ħakem ukoll u kienu bosta dawk il-users li spiċċaw vittma. Xi kumpaniji Maltin intlaqtu negattivament tant illi ntilfu ġranet sħaħ ta' xogħol għax kienu infettati fajls li kellhom estensjoni '.jpg'. Aġenżiji ta' l-aħbarijiet barranin jirrappurtaw li ntlaqtu iktar minn 20 pajjiż, fosthom l-Istati Uniti li rat jintlaqtu l-*Pentagon* u d-Dipartiment tad-Difiża.

Il-ħsara li kkawża l-'love bug' kif ġie mlaqqam, tikkumpara sew mal-ħsara li wettaq il-virus Melissa s-sena l-oħra. Fl-Istati Uniti fost dawk li ntlaqtu mill-virus kien hemm id-Dipartiment ta' l-Istat, is-CIA kif ukoll id-Dipartiment tad-Difiża. Fl-ebda wieħed minn dawn il-każi ma ntlaqtu fajls sigrieti.

Xi trid tagħmel jekk tirċievi e-mail li tissuspetta li fih virus 'attached' miegħu?

1. Tħassarha immedjatament. Din trid titħassar ukoll mit-'trash can'.
2. Fil-każ li persuna tkun fetħet l-'email', iżda mhux l-'attachment' li jiġi magħha, il-virus ikun għadu ma nfettax is-sistema u allura għandha tkun applikata l-istess proċedura msemmija fuq.
3. Jekk persuna tkun fetħet l-'attachment', il-virus ikun attivat. F'dan il-każ, importanti li min ikun imqabbad ma' 'network', jiskonnettja mmedjatament sabiex jevita it-tifrix fuq il-bqija tas-sistema. Għal min qed juża l-kompjuter mid-dar, jaqta' l-linja tat-telefon u jagħlaq il-programmi. Jista' jagħti l-każ illi jkun infettat ukoll l-'Internet Explorer' u allura meta jinfetaħ awtomatikament inizzel parti oħra mill-istess virus li tikxef il-'passwords'.
4. F'każ ta' kompjuters infettati, importanti li jkun stallat 'virus scanner' riċenti. La darba l-kompjuter ikun tnaddaf, importanti li l-'passwords' jinbidlu. Il-'virus scanner' irid ikun aġġornat minn żmien għal żmien sabiex ikun jista' jagħraf viruses ġodda.
5. Fl-aħħarnett bħala sigurtà ġenerali, jekk persuna tirċievi 'email' minn għand xi ħadd li ma tafux jew l-'email' ikollha 'attachment' b'estensjoni stramba, għandha tħassar dik l-'email' minnufih.



The All-new CELICA
Face-to-face with Excitement
Front on, the assertive stance and stylish poise
ignite a passion for driving excitement.
Futuristic headlamps and aggressive air intake
meld form with function.
Open up the New Celica!
CELICA
TOYOTA
debono
Rohan Arch, Zebbug. Tel: 465806 / 465642
PARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer - Tel: 556678 / 553715


FABIA
The new class from Skoda
WHAT CAR? CAR OF THE YEAR 2000
FABIA
The Fabulous FABIA starts at Lm5,399(1.4MPI)
This includes •10 Year Warranty on fully galvanized Body • Power Steering
• Driver Airbag • Telescopic Steering • Central Locking • Electronic Accelleration
• EU 2005 Emission Compliant • Immobilizer • Tinted Glass
Options include:
• A/C-Climate Control • Unique Refrigeration System • ABS., Passenger & Side Airbags
•3 Year Warranty , Servicing & Comprehensive Insurance.
Gala Centre
Frank Borda Ltd.
Testaferrata Street, Msida.
Tel: 331620 (24 lines) Fax: 318655
SKODA AUTO
Volkswagen Group